QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 20

Il-Hamis 8 t' Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

20.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

20.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologija.

20.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

20.2.1 Peress li l-minuti tad-dsatax il-laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Is-Sindku semma illi f'paragrafu numru 19.3.7 semma li minflok li ghandha tinbidel is-sentenza 'dawn l-ahhar ghoxrin sena' ghal 'dawn l-ahhar ghaxar snin'. Is-Segretarja semmiet illi fil-laqgha ghoxrin sena kien semma s-Sindku u li ghaxar snin kien semmiha wara l-laqgha permezz ta' email li hija irceviet minghandu. Ghalhekk gie deciz li din is-sentenza tibqa miktuba kif inhi. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq semmiet illi f'*item* 19.6 hija wkoll kienet qablet sabiex 'Gieh il-Qala' jinghata lil Fr Joseph Zammit u ghalhekk ghandu jitnizzel isimha wkoll. Ghalhekk wara l-kelma 'jinqabez' ghandha tizdied is-sentenza li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ukoll qablet illi Gieh il-Qala ghandu jinghata lil Fr Joseph Zammit. Wara din l-emenda, il-Kunsill approva l-minuti unanimament.

20.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

20.3.1 Is-Sindku ta rendikont tal-ahhar zviluppi dwar ix-xoghlijiet/progetti li qed isiru.

20.3.2
- *Water culvert* fi Triq il-Kuncizzjoni qorob sabiex jinghata bidu ghax-xoghol biss bhalissa l-kuntrattur qed jahdem fuq xi xoghol iehor f'lokalita` ohra.
- L-applikazzjoni sabiex jitharrek is-salib li jinsab fi Triq il-Kuncizzjoni ghal nofs Ottubru.
- Il-bdil tat-tapit fi 'Gnien il-Familja', l-applikazzjoni ser isir ghal nofs Ottubru. Huwa semma li l-Perit ser jipprepara stima.
- L-offerta ghar-*resurfacing* ta' Triq it-28 t'April 1688 ser tinhareg fl-ahhar t'Ottubru 2020.
- Xoghol fuq l-*embellishment* tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard ser jibda f'nofs Ottubru 2020.
- L-offerta ghall-*embellishmen*t tar-*roundabouts* ser jinhargu fl-ahhar t'Ottubru 2020.
- Xoghol fuq ir-restawrazzjoni tal-istatwa ta' San Guzepp, qed jahdem fuqha l-Perit.

20.3.3 Is-Sindku semma li l-kaz f'Ta' Muxi ghamilna success kbir. Huwa semma li b'sahha ta' dan il-kaz r-*Rural Policy* inbidlet. Jigifieri issa jekk japplikaw, sabiex titranga biss u il-bini l-iehor li hemm faccata ta'Kemmuna ghadha taht appell u ma jahsibx li ser tigi approvata.

20.3.4 Is-Sindku semma illi huwa ghandu risposta ghad-dikjarazzjoni, li kienet inqrat mill-Vici Sindku fl-ahhar laqgha, tat-tlett haddiema li kienu assenjati mal-Kunsill mill-CWSEF u li issa m'ghadhomx mal-Kunsill. Is-Sindku qara r-risposta tieghu fejn spejga l-affarijiet fuq dak li qalu fuqu l-haddiema. Huwa talab lis-Segretarja Ezekuttiv sabiex din ir-risposta tkun bhala parti mill-minuti. Il-Vici Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiv sabiex id-dikjarazzjoni tal-haddiema tkun ukoll parti mill-minuti. Ghalhekk ir-risposta kif ukoll id-dikjarazzjoni gew mehmuza ma dawn l-istess minuti.

20.3.5 Is-Segretarja Ezekuttiv qassmet kopja lis-Sindku, Vici Sindku u l-Kunsilleri kopja taz-zewg Rapporti tal-Bordijiet tad-Dixxiplina. Hija semmiet illi peress li s-Sindku fir-risposta tieghu li ghadu kif qara, semma li s-Segretarja inhargulha c-*charges*, hija qalet li sabiex l-affarijiet ikunu cari, dawn ic-*charges* inhargulha wara rapporti li kien ghamel is-Sindku fil-konfront taghha u mhux harguhom id-Dipartiment minn jeddhom. Is-Segretarja Ezekuttiv qrat dawn iz-zewg rapporti. Il-konkluzzjoni tar-rapporti ta' dawn il-zewg bordijiet kienet li s-Segretarja Ezekuttiv Marcia Borg, mis-sitt akkuzi li kellha, ma nstabet hatja ghall-ebda wahda minnhom. Kopja ta' dawn ir-rapporti gew mehmuza ma dawn il-minuti.

20.3.6 Il-Vici Sindku semma li jiddispjacih ghal dak kollu li gara lis-Segretarja u minn xiex ghaddiet hija u l-familja taghha. Zgur li wara 25 ta' hidma u esperjenza fil-Kunsill ghal gid tal-Qala ma kienx jixraqilha li tghaddi minn dan kollu. Huwa semma wkoll li f'25 sena kemm ilhom imwaqqif il-Kunsilli Lokali ma jsib fl-ebda Kunsill fejn Sindku akkuza lis-Segretarju Ezekuttiv f'zewg bordijiet. Huwa semma li s-Sindku ta' Marsaskala fuq programm tar-radju kien qal illi meta Sindku u Segretarju Ezekuttiv ikunu miggieldin, il-Kunsill ikun fallut. Il-Vici Sindku semma illi fil-kaz tal-Kunsill Lokali Qala dan zgur mhux tort tas-Segretarja. Huwa semma li issa li wara d-decizjoni tal-membri taz-zewg bordijiet, s-Segretarja giet mehlusa minn kull akkuza, ma jafx kif tista titkompla l-hidma tal-Kunsill bejn is-Sindku u s-Segretarja. Huwa semma wkoll illi meta l-membri tal-Kunsill gew eletti, l-aspettativi tar-residenti kienet kbira izda illum r-residenti tal-Qala huma ddisapuntati dwar l-istat ta' telqa li fih jinsab ir-rahal u nuqqas ta' progetti. Huwa semma li sabiex jigi ggustifikat dan huwa informat li s-Sindku tkellem ma xi residenti fejn qal li l-Vici Sincku mhux ihallieh iwettaq il-hidma tieghu ta' Sindku. Il-Vici Sindku staqsa lill-Kunsillieri kollha sabiex jigi ccarat l-integrita tieghu mar-residenti, dwar jekk huma jafux b'xi okkazzjoni fejn huwa prova jaghmel xi hsara fil-hidma taghhom jew tas-Sindku. Il-Kunsillieri kollha wiegbu li le. Il-Vici Sindku semma li mhux bhal ma qed jghidu zewg persuni vicin is-Sindku li ghamlu akkuzi serji kontra tieghu L-ewwel kaz ta' wiehed minn dawn il-persuni sab lil Vici Sindku fil-Pjazza fejn akkuzah u ghajru quddiem in-nies. Kaz iehor tal-persuna l-ohra li tkellmet mas-Segretarja waqt il-hidma taghha u qalilha wkoll xi kliem fuqha, fuq il-Vici Sindku u l-Kunsillier Joseph Buttigieg li ma kienx xieraq. Is-Sindku semma li persuna qrib il-Vici Sindku qal li l-Vici Sindku kien qal li s-Sindku ha zewg *flats* f'ta Kassja. Il-Vici Sindku talab sabiex jirtira din peress li din hija gidba u huwa qatt ma qal dan il-kliem fuqu. Il-Vici Sindku talab lil Kunsilleri sabiex jahsbu dwar is-sitwazzjoni li qed fiha l-Kunsill u dan ghar-residenti u ghar-rahal taghna u nitkellmu aktar 'l quddiem.

20.3.7 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg irringrazzja lis-Segretarja Marcia Borg tax-xoghol siwi li taghmel u tal-hidma taghha ta' matul is-snin u li mix-xhieda li harget mill-bord u mill-percentaggi ta' kemm tirrispondi *emails* is-Segretarja qedha taghmel xogholha u izjed minn xogholha. Huwa qalilha li l-Kunsill ghandu bzonnha kif ukoll il-lokalita` tal-Qala ghandu bzonnha. Haga ohra li xtaq issemmi hija dwar ir-*recordings* li huwa sar jaf bihom waqt ix-xhieda ta' wiehed mill-bordijiet fejn huwa gie mistoqsi minn Avukat jekk huwa kienx jaf bir-*recordings* illi s-Sindku kien qed jirrekordja lil kulhadd waqt laqgha tal-Kunsill bil-mohbi. Huwa semma illi dan huwa reat u li jista' jigi mfittex bil-Qorti.

20.3.8 Il-Kunsiller Karl Buttigieg semma illi mhemmx dubju illi s-Segretarja taghmel xogholha u semma li kull meta talabha l-ghajnuna u ghad jrid nitlobha, dejjem sab l-ghajnuna taghha. Huwa semma illi jekk il-Kunsill ma jkellux lilha, l-Kunsill mhux ser jimxi ghax taf xogholha mill-bidu sal-ahhar u li d-decizjoni tal-bordijiet huwa certifikat ta' dan. Huwa semma li fuq is-sitwazzjoni tal-Kunsill, huwa jaqbel mal-Vici Sindku li dan mhuwiex Kunsill li jridu n-nies tal-Qala. Huwa semma li dan mhux tort ta' persuna wahda imma tort tal-membri kollha peress li mhemmx ftiehem bejn kulhadd. Ghalhekk huwa ssuggerixxa li mill-lum il-quddiem kulhadd ghandu jaccetta aktar lil xulxin. Huwa semma li minn mhux lest jaghmel dan ghandu jaqbad u jghid issa.

20.3.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet illi hija tixtieq tifrah lis-Segretarja tad-decizjoni li hargu mill-bordijiet. Hija semmiet illi mill-bidunett dejjem qalet illi minghajrha l-Kunsill mhux ser jahdem, taf xogholha sew u li dejjem sibniha u li hija kuntenta hafna ghaliha. Haga ohra li semmiet hija li dan il-Kunsill ilu xi sena u nofs u gol-lokalita` mhu qed isir xejn. Isiru l-laqghat kulhadd jigi b'ideat, ikun hawn il-glied u pika u jekk m'ahniex ser nahdmu ma xulxin m'ahniex ser naslu.

20.3.10 Giet trattata din il-korrispondenza mressqa mis-Segretarja Ezekuttiva:

20.3.11 *Press release* li nharget mill-Kunsill dwar talba tal-Kunsill lill-ufficcju tal-Ombudsman sabiex jinvestiga l-azzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar fuq zewg applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Ta' Kassja.

20.3.12 Gew ippreparati l-*Quarterly Financial Reports* minn Jannar sa Marzu 2020 u minn April sa Gunju 2020. Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti unanimament.

20.3.13 Ittra mibghuta mill-Kunsill lit-Transport Malta sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq Hondoq ir-Rummien u Triq San Guzepp kif ukoll *speed limit signs* fi Triq it-28 t'April 1688. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Transport Malta fejn gew approvati d-*double yellow lines* fi Triq Hondoq ir-Rummien kif ukoll l-*ispeed limit signs* fi Triq it-28 t'April 1688. Dwar id-*double yellow lines* fi Triq San Guzepp, ghad irridu jibghatu risposta.

20.3.14 Ittra mibghuta mill-Kunsill lid-Direttur fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jigi ccarat ezatt dwar minn ser ihallas l-ispejjes tat-trasferiment tal-PV's minn 'Gnien il-Familja' ghal fuq il-bejt tal-ufficini tal-Kunsill. Il-Kunsill ircieva ittra mid-Direttur li l-ispejjes ser ikunu koperti mill-Ministeru.

20.3.15 Ittra mibghuta mill-Kunsill lil Perit fejn gie informat dwar il-progetti li fuqhom ghandu jibda jahdem.

20.3.16 Ittra mibghuta mill-Kunsill lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn is-Segretarja informathom illi hija kienet gabret l-informazzjoni rikjesta minnhom fl-email tas-17 t'Awwissu izda s-Sindku talabha sabiex ma tibghatx risposta ghalissa u sabiex hija tigbor informazzjoni dwar *direct orders* kollha f'dawn l-ahhar ghoxrin sena u wara tintbghat risposta lid-Dipartiment. Hija talbiet direzzjoni minn naha tad-Dipartiment dwar dan. Il-Kunsill ircieva ittra minghand id-Dipartiment illi il-mistoqsijiet li saru minnhom jirreferu ghal fatti specifici u li jistghu jigu verifikati u ghaldaqstant gie mitlub illi r-risposta ghandha tasal sa mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha 11 ta' Settembru 2020. Ghalhekk is-Segretarja bghatet ir-risposta ghal dak li kien gie mitlub mid-Dipartiment. Is-Sindku talab il-listi li ntbghatu mar-risposta. Is-Segretarja taghtu kopja. Is-Sindku staqsa kienx inkiteb li l-Kunsill kienx ftiehem fuqhom. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li kienet ntbghatet *email* fejn ntqal li l-Kunsill kien qabel li ghandha jsir il-lista li talab is-Sindku, izda il-Kunsillier semma li ma kien ttiehed l-ebda vot u li kien sar hu li s-Sindku qal li hu jaf x'ghandu jsir ghax tkellem mad-Dipartiment u talab lis-Segretarja x'ghandha taghmel u s-Sindku fl-ebda hin ma staqsa lill-Kunsillieri x'ghandu jsir. Is-Sindku semma li la darba hadd ma impona ifisser li l-membri tal-Kunsill ma jsibux oggezzjoni. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li dan mhux minnu ghax huwa (s-Sindku) beda jordna lis-Segretarja sabiex taghmel il-lista li ried huwa u ma jfissirx dan illi l-membri tal-Kunsill qablu ma dak li kien qed jordna s-Sindku. Is-Sindku talab lis-Segretarja dwar pagament li kienet bghatet ohtu. Is-Segretarja gabet kont dwar l-ipprintjar tal-gazzetta tal-Kunsill li jammonta ghal €2,155.65 li kienet ghada kif irceviet. Is-Sindku semma li huwa resqu sabiex il-Kunsill jiddiskuti fuqu u li huwa kif ukoll l-Vici Sindku ma

jistghux jiehdu sehem fid-diskussjoni peress li huma qraba. Ghalhekk is-Sindku u l-Vici Sindku hargu 'l barra mill-kamra. Il-bqija tal-membri iddiskutew dwar jekk din il-materja gietx diskussa waqt xi laqgha tal-Kunsill. Gie diskuss ukoll illi l-ammont jaqbez id-*direct order* ta' €500 u ma kien hemm ebda kwotazzjonijiet. Wara diskussjoni t-tlett membri ivvotaw u l-voti kienu tlett astensjonijiet. Huma ddikjaraw illi jekk jinstab xi dokument jew approvazzjoni huma jirrevedu l-vot taghhom. Is-Sindku u l-Vici Sindku gew mitluba sabiex jergghu jidhlu fil-kamra.

20.3.17 Ittra minghand Rev. Can Dr Joseph Zammit fejn informa lill-Kunsill li huwa jaccetta l-unur ta' 'Gieh il-Qala 2020'.

20.3.18 Ittra minghand l-Awtorita` tal-Ippjanar dwar pjanti godda ghall-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/09606/19.

20.3.19 Ittra li l-Kunsill rcieva minghand resident dwar ilment fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Forn peress li fuq bankina hemm diversi *pots* kbar bil-konsegwenza li minn ikun ghaddej minn hemm bil-mixi jkollu jghaddi mit-triq. Il-Kunsill iddiskuta li m'hemmx wisq x'jista` jsir f'dan ir-rigward.

20.3.20 Zewg ittri/*purchase orders* li l-Kunsill ircieva minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, dwar ix-xogholijiet li ser isiru fi Triq il-Kuncizzjoni. Is-Sindku kien iffirma dawn iz-zewg ittri.

20.3.21 Ittra mibghuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar SPI Finanzjament ta' il-Progett Kapitali, Accessibilita u Mobilita – *Slow Signs Project.*

20.3.22 Cirkulari Numru SPI/SCI/6/2020 minghand id-Direttur (Gvern Lokali) Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, dwar Finanzjament ghall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuha fic-Centru tal-Ibliet u l-Irhula f'Malta u Ghawdex.

20.3.23 Ittra minghand ir-Regjun Ghawdex dwar *Bye Laws* Regjonali. Il-Kunsill iddecida li s-Segretarja ghandha tibghatha email lill-Kunsillieri kollha sabiex jaraw ftit fuqha l-ewwel.

20.3.24 Cir AKL 2020/108 mibghuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Festa bhala Wirt Intangibli Dinji. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu sehem.

20.3.25 Ittra mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Assistenza mill-Kunsilli Lokali – Skejjel Primarji fil-Lokalita`. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Assocjazzjoni li l-Kunsill ma jaqbilx illi li ghandu jitqabbad haddiem minn tieghu sabiex jiehu hsieb jaghlaq it-triq tal-Iskola mal-hrug u d-dhul tat-tfal fl-iskola. Ghalhekk il-Kunsill talab sabiex ikun hemm prezenza tal-pulizija. Il-Kunsill ircieva ittra ohra mill-Gozo College li din l-materja giet solvuta. Is-Segretarja semmiet li gie kkellimha s-Supretendent tal-Pulizija li mhux dejjem ikun jista` jintbghat pulizija u ghalhekk meta jigri dan il-Kunsill irid jiehu hsieb hu. Il-Kunsillier Karl Buttigieg ssuggerixxa illi sakemm tissolva l-problema jekk xi darba ma jistax jigi pulizija ghandu jingab gwardjan lokali. Il-Kunsill qabel ma dan. Wara diskussjoni li hadet fit-tul, il-Kunsill ma qabilx ma dan ghalhekk gie deciz li tintbghat ittra lill-Pulizija lis-Supretendent fejn jigi nformat illi l-Kunsill ma jaqbilx illi ghandu jibghat haddiem meta ma jkunx hemm pulizija u li l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli jekk jinqala xi haga u qed jitlob li jigi assigurat li dejjem ikun hemm il-prezenza tal-pulizija Giet trattata l-korrispondenza dwar din il-materja.

20.3.26 Talba sabiex isir *double yellow line* fi Triq il-Belvedere. Gie deciz illi peress li diga` sar estenzjoni ta' *double yellow line* hemm il-Kunsill ghandu jara fejn irid isir ezatt.

QALA

20.3.27 Talba ghal bozza gdida ma arblu ezistenti fejn it-*traffic island* fi Triq il-Papa Piju IX peress li qed ikun hemm hafna dlam. Il-Kunsill qabel li ghandha jsir.

20.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

20.4.1 Il-Vici Sindku ressaq dawn it-talbiet/suggerimenti:

20.4.2
- Bozza fil-Gnien tal-Belvedere m'hiex tixghel. Din ser tigi rrapportatha.
- Prosit talli saru id-*double yellow lines* fi Triq ta' Hondoq.
- Sabiex isir sinjal abjad fin-nofs tat-triq fil-kantuniera fi Triq il-Belvedere qabel ma taqbad il-gnien tal-Belvedere. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Sabiex titnehha sigra mejta li hemm fi 'Gnien il-Familja'. Is-Sindku semma li saret applikazzjoni mal-ERA dwar din is-sigra. Il-Vici Sindku semma wkoll il-bzonn tat-tbattil ta' *litter bins* f' dan il-gnien.
- Sabiex il-bozoz fi 'Gnien il-Familja' jibqghu mixghula l-lejl kollu. Is-Sindku semma li ahjar ma jsirx dan.
- Ha hsieb sabiex titnehha virga li kienet qedha ta' periklu fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg. Is-Sindku semma li huwa mar ukoll fejn nehha xi vireg. Il-Vici Sindku talab sabiex isir naqra cement madwarha. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Tabella tat-trukkijiet fi Triq il-Mithna. Gie diskuss li din ordnata.
- Il-Vici Sindku staqsa dwar il-pannelli ta' Gnien il-Familja. Is-Sindku semma li gie l-Inginier tal-Ministru fejn telgha fuq il-bejt tal-ufficini tal-Kunsill ikejjel. Il-Vici Sindku semma li huwa ser ikellem lil dan l-Inginier. Il-Kunsill iddiskuta dak li kien gie diskuss fil-laqgha mid-Direttur tal-Eco Gozo fejn accettaw illi il-pannelli li hemm fi 'Gnien il-Familja' jigu trasferiti ghal fuq il-bini tal-Kunsill ghas-spejjes tal-Ministeru. Id-Direttur kien qal ukoll li se jokkonsidra li l-Kunsill jinghata pannelli godda sabiex jigu installatha f'post iehor fil-lokalita`. Gie deciz ukoll li jigi ikkuntatjat id-Direttur sabiex jigi mitlub illi barra dawn il-progetti jistghux jghinu lill-Kunsill dwar bozza bis-*solar panel* li semmiet il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak.

20.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar parti minn Triq il-Wardija hux ser isir kollha tarmac jew le dan wara li sar il-bdil tal-*main* tal-ilma u s-servizzi mill-Korporazzjoni ghal Servizzi tal-Ilma. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li xtaq jitkellem fuq din il-materja wkoll fejn huwa kien gie nformat mir-residenti ta' parti minn Triq il-Wardija illi ser jinghata t-tarmak fil-parti fejn gie mghoddi il-*main* u s-servizzi godda, xoghol li sar mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u li waqt il-laqghat tal-Kunsill dejjem inghatat l-impressjoni illi t-triq kienet ser tinghata kollha bit-tarmak. Huwa semma li xhin kien ser isir ix-xoghol mar fuq il-post u hekk kien qed isir, tarmak fuq it-trinka biss u li sallum ghadu ma jafx hux ser isir u li dan mhux sew illi jinqalghu t-toroq u ma jsirux. Huwa semma li issa hemm Triq il-Papa Piju XII u Triq il-Qala, jekk jinqalghu ghandhom jinghataw it-triq kollha. Is-Sindku semma illi ufficjal gholi fil-amminstrazzjoni tal-eks Ministru ghal Ghawdex qal li l-Ministru kienet talbiet lill-Korporazzjoni sabiex jaghtuha ammont ta' kemm huma lesti li jhallsu u hija kienet ser thallas il-kumplament. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi din ser tissemma fil-laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex li s-Sindku qed jghid li hemm din il-korrispondenza bil-miktub. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa ma kien jaf b'xejn fuq dan ix-xoghol u sar jaf b'post li telgha s-Sindku fuq *facebook* u mill-informazzjoni li ghandu huwa din it-triq kellha jsir mill-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma. Huwa semma wkoll illi l-Ministeru ghal Ghawdex qatt ma ntalab sabiex ikopri l-ebda spiza f'din it-triq. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li xorta wahda mhux xieraq illi tinqala t-triq u jibqa` ma jitkompliex ix-xoghol fiha u li Korporazzjoni/Ministeru ghal Ghawdex ghandhom jaraw illi terga tigi ghall-istess stat li kienet qabel ma sar ix-xoghol. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi l-Ministeru kien informat mill-Korporazzjoni li ser tinqala din it-triq izda l-ispejjes kellhom jigu koperti mill-Korporazzjoni

u l-Ministeru qatt ma gie nformat dwar jekk hux ser isir tarmak fil-gandott jew inkella t-triq kollha. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill issemma li ghandha tigi ppreparatha *agenda* ghall-laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex u ghalhekk issuggerixxa li xhin tigi ppreparatha din l-*agenda*, din il-materja ghandha tkun wahda mill-punti fl-*agenda*. Il-Kunsill qabel ma dan. Gie diskuss illi fl-*agenda* ghandhom jigu mnizzla dawn il-punti wkoll:

20.4.4 ●Gharar fi Triq l-Imgarr.
●Trangar ta' parti minn Triq Hondoq ir-Rummien, li waqghet ricentament u trangat bil-blokkok tac-cement temporanjament.
●Ir-rotta tal-karozza tal-linja 303.
●Aktar koperazzjoni mal-Ministeru ghal Ghawdex.

20.4.5 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa mhuwiex qed jirrapprezenta il-Ministeru ghal Ghawdex, dan qed jghidu peress li kull darba qed jigi akkuzat fuq affarijiet li jikkoncernaw il-Ministeru.

20.4.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ressaq ilmenti minn residenti dwar trukkijiet li xorta qed jispiccaw jghaddu kontra l-*one way* ghat-trukkijiet li hemm fi Triq il-Wileg. Huwa semma li billi certu sidien tat-trukkijiet ghandhom il-permess sabiex ikunu jistghu jghaddu kontra l-*one way* peress li ma jkunux jistghu jghaddu minn Triq Santa Marija tal-Qala habba l-kobor taghhom, huwa ssuggerixxa li l-ahjar haga li jsir hija li l-Kunsill jara x'permessi hemm u li dawn ghandhom jigu rreveduti. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li dawn il-permessi ghandhom jingabu ghall-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

20.4.7 Il-Kunsillera Valarie Cassar Mejlak ressqet dawn it-talbiet/suggerimenti:

20.4.8 ●Ghandha jsir *stop sign* fi Triq Patri Guzepp Portelli il-parti fejn hemm it-tabella tal-*one way*. Il-Kunsill qabel ma dan.
●Sabiex barra li saru l-ispeed limit signs immarkati fl-art fi Triq it-28 t'April 1688, isiru wkoll tabelli. Il-Kunsill qabel ma dan.
●Isir *Christmas Tree* ta' veru fl-*area* tal-Kuncizzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan. Hija semmiet illi ser tkellem il-haddiem li huwa assenjat mal-Kunsill sabiex jaghmel *frame* tal-hadid ghall-*Christmas Tree* fi Pjazza San Guzepp.
●Sabiex jitpogga *bin* fi Triq Lord Strickland fejn hemm jibnu peress li qed ihallu hafna skart. Is-Sindku semma li huwa ser ikellimhom.
●Talba ghal *disability parking*. Giet informatha sabiex il-persuna li ressqet it-talba tmur tapplika l-ewwel Transport Malta.
●Sabiex jinbidlu *l-bins* tal-Belvedere. Il-Kunsill qabel ma dan.
●Hija semmiet illi kellmuha xi residenti li minn Triq iz-Zewwieqa qed jghaddu xi trukkijiet b'xi gebel, ishom qed jibdnu x'imkien taht il-Belvedere. Il-Kunsill iddiskuta illi ma jaf b'xejn dwar dan.
●Sabiex isir bozza bis-*solar panel* fi Triq Anton Buttigieg ta' resident li ilu jitlob sabiex isir bozza u li hija kienet ser titkellem mad-Direttur Joseph Cutajar tal-Eco Gozo dwar dan. Hija semmiet ukoll li 'l quddiem jistghu jsiru wkoll xi bozoz tas-*solar* fi Triq il-Fortin ta' Sant Antnin peress li hija mdalma. Il-Vici Sindku semma li huwa kien talab stima lil Galea Curmi Engineering Consultants dwar installazzjoni ta' bozza LED fi Triq Anton Buttigieg. Il-Kunsill iddecida li jara fuq x'ahjar li ghandu jsir sabiex tigi installatha bozza f'din it-triq.
●Staqsiet dwar jekk hux qed isiru l-korsijiet. Is-Sindku semma li qed isir tal-*Mosaic* u li huwa talab lill-ghalliema sabiex taghmel disinn sabiex isir fuq il-hajt ta' qabel l-entratura tas-Sala tal-Kommunita`. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq semmiet illi kien intqal li dan ser isir minn dawk li qed jattendu l-kors. Is-Sindku qal li hekk ser isir.

QALA

20.4.9 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ressaq dawn it-talbiet:

20.4.10 •sabiex titnehha mira tat-traffiku li hemm fil-bidu ta' Triq il-Wardija, mwahhla go post li ghadu kif inxtara u s-sid jixtieq li titnehha. Huwa ssuggerixxa li ghandha jsir fuq arblu. Il-Kunsill qabel ma dan.

•sabiex isir *double yellow line* fi Triq il-Papa Piju IX. Il-Kunsill qabel ma dan.

•ssuggerixxa illi xi darba l-Kunsill ghandu jaghmel *resurfacing* ta' xi triq fil-lokalita` bhala parti mill-progetti tal-Kunsill.

•Sabiex isir laqgha ghal *bars* u ristoranti li hemm fil-Pjazza. Is-Sindku semma li l-Kunsill ghandu jistenna sabiex jara l-istudju li ser isir fuq l-slow streets. Il-Kunsill iddecida li xorta ghandha jsir laqgha u li ghalhekk ghandha isir nhar it-Tnejn 26 t' Ottubru 2020.

20.4.11 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi nharget l-offerta ghall-provvista ta' *pots,* sigar u pjanti li jinkludi it-thawwil u manutenzjoni taghhom ghal progett tal-*Green Urban* kif ukoll kwotazzjoni ghas-supervizzjoni, konsultazzjoni u *project management* ghal dan l-istess progett. Id-data tal-eghluq taghhom hija fl-14 t'Ottubru 2020.

20.5 Ghotja ta' *AED*.

20.5.1 Is-Sindku semma li ser tinghata AED ohra mir-Regjun t'Ghawdex. Huwa ssuggerixxa li ghandha tigi installata fil-*area* tal-Kuncizzjoni. Il-Kunsill qabel ma dan.

20.6 *Pink October*.

20.6.1 Is-Sindku semma li s-*spot lights* ta' quddiem l-entratura tas-Sala tal-Kommunita' saritilhom *cover* fuqhom sabiex id-dawl jigi jinxtghel roza minhabba l-*Pink October*, izda xi hadd hadhom.

20.7 *Truck Updates*.

20.7.1 Is-Sindku semma li ma gietx ssottomessa ebda offerta ghal xiri ta' trukk.

20.8 *Outdoor gym*.

20.8.1 Is-Sindku semma li wara li l-Ministeru ghal Ghawdex habbar l-iskema tal-*Outdoor Gym*, huwa ssuggerixxa li l-*outdoor gym* fil-lokalita` ghandha jsir fi 'Gnien il-Familja'. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet dwar l-applikazzjoni ta' Cat Café kif ukoll xi magni bl-ikel ghall-*istray cats*. Is-Sindku semma li kienu saru xi xogholijiet minn Animal Welfare dwar il-cat café. Il-Kunsill iddecida li ghandu jitlob lil tal-Animal Welfare dwar il-Cat Café, id-Dog Park kif ukoll il-magna tal-ikel ghal qtates.

20.9 Tiswija ta' triq bis-siment.

20.9.1 Is-Sindku semma li huwa gie avvicinat sabiex isir tiswija bis-siment ta' triq li tinsab taht Ta' Tocc. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa dwar fejn hi din it-triq u talab lis-Sindku li kieku ahjar tingab

QALA

xi pjanta halli jkun jaf il-Kunsill fejn. Il-Kunsill iddecida wkoll illi ghandha l-ewwel ghandha tigi ppreparata stima tax-xoghol mill-Perit.

20.10 Kuntratt tal-*cleaner*.

20.10.1 Is-Segretarja semmiet illi qed isiru l-preparamenti sabiex tinhareg sejha ghall-offerta ghat-tindif tat-toroq u qtuh ta' haxix. Hija semmiet li giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil *Procurement Unit* tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar mistoqsija fuq xi haga fl-specifikazzjonijiet tal-offerta u ghalhekk il-Kunsill ghadu qed jistenna risposta. Malli l-Kunsill jircievi risposta ikun jisa johrog l-offerta. Il-Kunsill iddiskuta illi dalwaqt ser jghaddu t-tlett xhur minn mindu gie imqabbad il-kuntrattur li qed jiehu hsieb it-tindif tat-toroq bhalissa. Is-Sindku talab lis-Segretarja sabiex titlob lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali estenzjoni sabiex jibqa` jaghmel dan ix-xoghol l-istess kuntrattur li bhalissa qed jaghmel dan ix-xoghol u li kien inghata zmien ta' tlett xhur. Is-Segretarja rrispondiet illi ma tistax tintalab estenzjoni meta lanqas nghata permess, u li hija kienet giet informatha illi f'kaz ta' urgenza tista` tinghata *direct order* izda sa €5,000,jigifieri issa li jrid isir huwa li jintalbu tlett kwotazzjonijiet ghal dan ix-xoghol u dan sakemm isir ghazla tal-offerta li ser tinhareg ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel ma dan.

20.11 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.

20.11.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-pagamenti b'referenzi numri SP 11/2020 u SP 12/2020. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet li huma mnizzla f'dawn l-iskedi ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

20.12 Mozzjonijiet.

20.12.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

20.13 Tmiem il-laqgha

20.13.1 Il-laqgha ntemmet fl-10:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-

Ikkonfermati illum, il-Gimgha 13 ta' Novembru 2020.

IFFIRMATI

Paul Buttigieg
Sindku

IFFIRMATI

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv

Dokument A

Diskors risposta tieghi

Ser naqra r-risposta tieghi ghal-ittra malafamanti u mimlija inizattezzi li accetta li jaqra l- vici sindku fl-ahhar laqgha f'isem it-tlett haddiema li gew trasferiti mill- kunsill lokali Qala ghal ministeru ghal-ghawdex. .

Nibda biex nghid li f'din l-ittra intqal hafna kliem li mhux veru fuqi u li hu malafamanti ghalhekk nistenna li ssir apologija pubblika

M'ghandix ghalfejn niddefendi ruhi imma peress li hemm min qed iheggeg lil qalin biex jisimghu dawn il-laqghat, ser niehu l-opprtunita biex inwassal il-verzjoni tieghi ghax naf bin tajjeb li hawn min ghandu interess personali u qed idur lil- Qalin biex iwassal verzjoni totalment differenti mil-verita. Ghalhekk huwa importanti li hemm bzonn li n-nies jisimghu z-zewg nahat ta' l-istorja imbaghad jiggudikaw huma. Jiena cert li kulhadd ghandu mohh u ghajnejn biex jara x'inhu veru ghaddej fil-Qala.

Mill-bidu ta' jannar l-hawn il-kunsill lokali Qala tilef 6 haddiema u ma inghatajna l-ebda haddiem flokhom. Charlie Bigeni gie trasferit (u hadd ma jista jmerini li mhux veru ghax kont mieghu xhin inghatatlu l-ordni tat-transfer biex imur jew l-gharb jew iz-zebbug). Dan x'ghamel hlief li kien jistinka u jahdem biex il-Qala tkun ahjar? U hadd ma jista jivvinta li ghax dejjaqtu jew kont qed nimxi hazin mieghu jien. Fl-istess hin li gie trasferit Charlie, ittehditilna ukoll cleaner li kienet tigi kuljum mill-ITS biex tnaddaf u tipprepara is-sala tal-kunsill qabel ma jibdew il-korsijiet. Rari kienet tigi l-istess cleaner ahseb u ara kemm dejjaqta jien jew ma hdimtx sew maghha jien . It-transfers taghhom hargu fl-ghaxra neqsin kwart ta' bil-lejl.

Goerge huwa haddiem iehor li tlifna, dan spicca biz-zmien tal-irtirar.

PB MB

Nixtieq li kulhadd ikun jaf, li l-ewwel gurnata li mort il-kunsill meta ergajt lhaqt Sindku fl-2019, minghajr qatt ma kont infurmat, laqqas mis-segretarja, sibt zewg haddiema godda li gew impjegati mal-kunsill. Dawn kienu Savio u Gorg, Jien accettajthom b'qalbi kollha ghax dejjem hassejt u ghadni inhoss li aktar ma jkollna haddiema aktar ghandna vantagg li jkollna rahal ahjar.

Fir-rigward ta' Jesmond Portelli, meta jien lhaqt Sindku fl-2017 sirt naf li xogholu full-time, kull ma kien hu, li jiknes gnien il-familja, fil-parti tal bandli u r-ristorant biss u ghalhekk poggejtu jiknes madwar il-Qala ghax kellna aktar bzonnu hemmhekk. Ghamilt xi haga hazina b'daqshekk?

Min jafni jaf li jien l-abjad nghidlu abjad u li hu iswed nghidlu iswed. Veru li sa jannar konna sejrin sew hafna, kienu jikkoperaw sew mieghi, tant li diversi drabi fahharthom anke fuq facebook u ma tal-Community work scheme stess. Kienu jaghtu sehemhom fix-xoghol ta' madwar il-Qala. Imma mill-bidu tas-sena l-hawn l-attitudni taghhom lejja inbidlet. JIen ghalija mhux accettabli li haddiema ma jaghtux sehemhom ghaz-zamma tajba tar-rahal. Laqqas naccetta li haddiema jitilqu lejn id-dar fis-7 ta' fil-ghodu jew qabel, biex imorru xoghol iehor meta haddiema ta' kunsilli ohra jaghtu l-gurnata taghhom kif suppost. Jien ghalija xoghol mill-5.30am sas7 am mhux accettabli. Jien ghalija laqqas hu accettabli li kenniesa jaghddu minn triq kull ma jaghmlu jigbru xi karta minghajr ma jinkinsu jew laqqas jaqtghu haxixa hazina fuq bankina. Minn Frar/ marzu l-hawn zdiedu f'daqqa l-ilmenti fuq it-tindif tat-toroq u sintendi jien kelli ndur fuq il-haddiema biex jaghmlu xogholhom sew. Rigward tindif tal-Qala, ma hix xi haga kbira li tlieta minn nies impjegati full time iduru t-toroq tal-Qala f'gimgha.

PB

MB

Bhalissa qeghdin b'haddiem wiehed u qed jaghmel kwazi l-istess xoghol li kienu jaghmlu tlieta. Fil-fatt issa qed nircievi kummenti opposti fejn jghiduli li mpresjonati kemm bniedem wiehed ddedikat kapaci jaghmel xoghol wahdu. Meta ghal-ewwel darba, xi snin ilu l-kunsill kien impjega kennies wiehed dan ukoll wahdu kien izomm il-Qala pupilla, allura bi tlieta ma kellniex il-hila naghmlu l-istess? Quddiemhom stess gew l-imghalmin Maltin tal-CWSEF, u talbuni biex inzidilhom ix-xoghol ghax minhabba l-ilmenti li konna qed nircievu indunaw li kienu qed jitilqu kmieni.

Fejn jirrekjedi gbir ta' boroz , etc, fil-bidu qatt ma lmentaw quddiemi, l-ewwel darba li smajt kien minghand Il-kunsillier Joseph Buttigieg ghax fejnu marru l-ewwel. Dan ix-xoghol kemm ilni sindku ghamiltu jien u ghadni naghmlu bil-vetturi tieghi stess u qatt ma nittint karozzi bhal ma ntqal.

Fl-ittra li nqrat mill-Vici Sindku ma ntqalx li sa anke talbu flus ghad-diesel u li jien accettajt, wara li kkonsultajt ma Malta. Tajtom li riedu, waqt il-laqgha qaluli li kienu kuntenti izda minn li jidher ma kienux.

Importanti li kulhadd ikun jaf li x'kumbinazzjoni, it-transfer harget ftit jiem qabel il-festa, li hi l-aktar gimgha impenjattiva fejn jirrigwarda xoghol ta' tindif u spiccajt f`paniku ghax kont bla kenniesa fil-gimgha tal-festa.

Iva jiena kburi li minn sitt awards tal-Greenpak, gejna nominati ghal tlieta u rbahna l-best overall performance award minn malta u ghawdex kollu. Iva dan sar bis-sahha tieghi u ta' kull haddiem li ghandna assenjati mal-kunsill ghax bil-ftit ta' kulhadd li r-rahal jkun fi stat kif jixraq lir-

P.B.

MB

residenti Qalin u bis-sehem tal-haddiema kollha li rbahna dan l-award. inkluz charlie bigeni li kien imur out of his way hafna fejn gie li anke dahal sibt u hadd minn jeddu.

Intqal li mhux l-ewwel darba li ergajt baght ghal haddiema permezz tas-segretarja. Iva, dan l-ahhar xhur, xhin kont nircievi l-ilmenti dwar certu hmieg li ma ngabarx, kont inqabbad lis-segretarja ghax hi ghandha l-poter li taghti l-ordnijiet. Ma nistax nifhem kif wiehed igerger li rega ntalab imur ghax xoghol waqt il-hin tax-xoghol stess ? B'dan , qed jammettu huma stess li kienu jitilqu kmieni mix-xoghol.

Rigward xogholi kellu bzonn kulhadd jistinka u ibati ghal-Qala daqs kemm nistinka u nahdem jien. Jien ma narax is-sieghat li naghmel u l-granet li nahdem mit-Tnejn sal-Hadd. Nuza makkinarju u ingenji tieghi, u QATT ma tlabt ghal-xejn. Rigward il-flat tat-tfal, Savio jaf li jien is-sengha tieghi hija ta' mastrudaxxa u lanqas biss ghamiltilhom l-ghamara ahseb u ara kemm ghamilt xoghol iehor. Savio sa granet qabel ma dahal mal-kunsill, kien il-kahhal taghhom u jaf li qed nghid il-verita. U jekk ersaqt xi darba l-hemm xhin kien hemm hu messu jara jekk jien kontx bil-leave jew waqt l break , jien ghandi dritt ghal-leave bhal haddiehor. Jien bhalha sindku ghandi dritt li ndur ir-rahal u naghmel xoghol madwar ir-rahal. Bhal ma tista tghid is-segretarja jien qatt ma nuza l-ufficju tal-kunsill izda naghmel hafna hafna xoghol mil-ufficju tad-dar tieghi.

Biex jinqata l-haxix bil-grass cutter u biex juzaw grinders etc, kien sar kors rikjest skond kif titlob il-ligi. U ma kienu qed jaghmlu xejn li mhux xogholhom. Tal-community work scheme kienu jafu. Nixtieq nigbed l-attenzjoni li l-grass cutter li kien inxtara xi erba snin ilu kont tajtu lil

PB
MB

Savio u dan wara ftit ghamel il-hsara irreperabbli, il-kunsill xtara grass cutter iehor u fi zmien ftit xhur il-handle tieghu inkiser darbtejn.

Min ghand min xtrajnieh qalli li qatt ma gara hekk. Fir-rigward ta' safety equipment inghataw safety boots , vests u anke visors, jekk kellhom bzonn xi safety equipment iehor kull ma riedu jaghmlu hu li jikkuntatjaw lis-segretarja u din kienet taghtihomlom minghajr problemi.

Rigward li kienu jinzlu jissostitwixxu lil haddiema tat-toilets ta' hondoq, dak kien b'approval tal-community work scheme. U li kienu jinzlu kull saghtejn kienet parti mix-xoghol. Il-propja hin tax-xoghol tal- attendants tat-toilets huwa day on day off mis-s7am sa 7pm.

Rigward segretarja, id-dipartimenet tal-kunsilli tellaha fuq charges u mhux jien. Sinjal li kellhom ghal xiex .. Nieqaf hemm.

Kif ghandhom il-wicc jghidu li kellhom l-anzjeta fuq il-lant tax-xoghol meta il-maggoranza tal-granet kienu sa 7.30am ikunu diga sparixxew minn fuq ix-xoghol.

Nixtieq niccara punt li anke ssemma f'din l-ittra, fejn xi hadd fuq it-times, pprova jiskulaw lili, lil binti u lil ohti. Bhal ma ghidt fuq il-gazzetta jien m'ghamilt xejn gdid , kull Sindku li kien hawn qabli dejjem hadmu bl-istess sistema fejn taw direct orders lil Qalin . Patricia kien ilha snin tkanta u taghmel graphics ghal kunsill, fil-fatt hadmet l-istess taht zewg sindki ohra qabli u min qed ixerred dan il-paroli messu jghid ukoll li Patricia QATT ma thalset tax-xoghol kbir li kienet taghmel sena wara l-ohra, biex torganizza l-festival tal-QIFF xhin haddiehor jigi fil-hin biss biex jidher quddiem in-nies.

PB

MB

Ma ntqalx ukoll li mill-900 ewro mitejn minnhom kienu affarijiet tal festival li halset minn butha u mbaghad il-kunsill tawha reimbursement tahhom.

Fir-rigward ta' l-istaamperija t'ohti, Il-Qalin kollha jafu li A&M printing ilhom 25 sena jahdmu xoghol lil kunsill tal-Qala. Sahansitra kemm ilni Sindku, jien, lanqas li tajnihom xoghol. Nghid ukoll li kemm ix-xoghol ta' patricia u anke tal-istamperija dejjem inghata bl-approvazzjoni tal-kunsill kollu u tas-segretarja.

Punt iehor li nixtieq insemmi hu li iva kontra qalbi qed inhalsu eluf fis-sena mill fondi tal-kunsill ghal-kennies ghax bhal ma ghidt aktar il-fuq ahna spiccajna b'sitt haddiema inqas. Bhalha kunsill ghamilna talba biex jintbaghtulna haddiema ohrajn imma din it-talba giet rifjutata. Spiza ohra li se jkollu jaghmel il-kunsill hi biex jixtri truck ghax hafna drabi qed nispicca nuza t-truck u l-karozza tieghi ghax sa ftit xhur ilu kien jintbaghtilna truck b'semplicament telefonata u issa minkejja li applikajna formalment bhalha kunsill dan is-servizz tat-truck biex innaddfu skart ta kostruzzjoni ghadu s'issa ma wasalx.

Jien l-unika raguni li lhaqt sindku kienet ghax irrid il-gid tal-Qala. Jien dejjem gibt il-Qala l-ewwel u qabel kollox. Miniex zewg ucuh fejn quddiem ir-residenti nghid li rrid il-gid tal-Qala u minn wara l-kwinti naghmel minn kollox biex naghmel hsara biex ma jsirx xoghol..

Ahna l-Qalin ghandna noqghodu attenti li ma naqghux fin-nassa ta' dawk li hsiebhom biss f'x se jakkwistaw huma. . Il-Qala qeghda fil-mira ta' dawk li jridu jahkmuha , kieku jistghu jibnu f'kull rokna tal-Qala.

PB

Specjalment fl-ghaziz Hondoq taghna. Naghmel mistoqsija min hu lest li jaghmel 18 il-sena ta' sagrificcju u vendikazzjonijiet li kull ma jaghddi z-zmien dejjem qed jihraxu fuqi u fuq il-familja tieghi. Dan ghas semplici raguni ghax qed intellef lil xi whud minn li jdahhlu flejjes kbar fil-but askapitu tal-ambjent Qali.

Hemm min jahseb li jien ma nafx li ghaddejja kampanja minn taht biex kemm jista jkun ma jsirx xoghol mill-kunsill ghax b'hekk minghalih li nidher ikrah jien. Nafu ukoll li hemm kampanja shiha biex jixxerred gideb left right and centre fuqi.u sahansitra ilni nisma li hemm min qed idur lin-nies jghidulhom daqt inqacctuh minn Sindku. Nixtieq nistaqsi dawn veru lesti li jahdmu ghal-Qala jew hisebhom fl-interessi personali taghhom?

Miskina l-Qala, mahkuma mill-kilba tal-poter u l-flus u msieken l-Qalin li qed jigu wzati u migbuda l-hawn u l-hinn bhal pupazzi fuq habel min id mohbija.

Min ghandu widnejn ha jisma.

Marcia din ir-risposta ghandha tinkiteb kif inhi fuq il-minuti tal-kunsill. Ser naghtik kopja taghha.

PB

MB

Dokument B

23 t'Awissu 2020

Lil min tikkoncerna

Jien Savio Falzon Nru. tal-Identita 534573 (M), flimkien ma´ shabi George Mizzi, Nru. tal-Identita 36089 (G) u Jesmond Portelli, Nru. tal-Identita 24089 (G) b'dispjacir ser nelenkaw xi modi kif bhala ex-haddiema tal-Kunsill Lokali tal-Qala konna nigu trattati b'mod xejn dinjituz u anke degradanti fil-konfront taghna mis-Sindku tal-lokal is-Sur Paul Buttigieg.

Nibda billi nghid li jien u George Mizzi gejna mpjegati mal-Kunsill Lokali tal-Qala taht il-CWS nhar it-3 ta' Gunju 2019 fil-grad ta' handyman. Madanakollu, minkejja dan, mill-bidu nett, tul dan iz-zmien kollu ahna konna mitlubin naghmlu prattikament kuljum xoghol ta' knis tat-toroq tal-lokalita. Kif facilment jista' jigi kkorraborat mar-rosters taghna, f' temp ta' hamest ijiem – mit-Tnejn sal-Gimgha konna nikinsu l-lokalita kollha tal-Qala, apparti xoghol iehor ta' qtugh ta' haxix bil-magna, gbir ta' skart etc ... Umilment nistqarr li l-lokalita taghna li tant inhobbu gibniha genna tal-art kif facilment jixhdu n-nies tal-lokal li dejjem kellhom kliem ta' tifhir ghalina, appogjawna bis-shih u dejjem aprezzaw xogholna. Tant gibna l-lokalita genna li l-Kunsill Lokali tal-Qala, bis-sahha taghna ghall-ewwel darba rnexxielu jirbah il-premju tal-indafa 'Best Overall Performance Award' mniedi mill-Ministeru tal-Ambjent, Zvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima f'Ottubru li ghadda. Sfortunatament it-trofew mirbuh dak in-nhar spicca sab postu fid-dar privata tas-Sindku minflok fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali fejn bix xieraq kien ikun jista' jitgawda minn nies tal-lokalita.

Tul dawn l-ahhar xhur, is-Sindku kien jitrattana b'mod ingust, b'arroganza u mhux l-ewwel darba li gejna intimidati b´ghajjat u theddid u kliem minn naha tieghu bhal "hares f'ghajnejja ha nghidlek xi trid taghmel". Konna nigu mghajjra li ahna 'tal-Ministru'u mgeghlin naghmlu xoghol li ma jaqax taht ir-responsabilta taghna inkluz garr ta' zibel mill-bring in sites / E bins kif ukoll tbattil u garr tal- hmieg tal-annimali fil-vetturi personali taghna b' detriment ghal sahhitna u ghal sahhet il-familjari taghna. Tista' timmagina r-riha nsapportabbli u hmieg li

PB MB

kien jaqa' mill-boroz fl-istess vetturi taghna specjalment fix-xhur tas-sajf. Mhux l-ewwel darba li nkunu lestejna mix-xoghol taghna u jerga jikkmanda lis-Segretarja tal-Kunsill biex iccemplilna bi struzzjonijiet biex nergghu nidhlu xoghol. Nistqarr li biex nevitaw ftit mill-qilla tax-xemx, fis-sajf konna nibdew xoghol fl-4.30 ta' filghodu, madanakollu xogholna dejjem ghamilnieh, ghamilnieh sew u kemm il-darba ghamilna iktar milli suppost. Biex naghtik ezempju gieli f'gurnata wahda gejt mitlub naqta l-haxix u niknes mill-pjazza tal-Qala sal-Bajja ta' Hondoq ir-Rummien, circa ta´ iktar minn kilometru u nofs tul. Certi u konvinti li kuljum konna naghmlu xoghol iktar mill-istess Sindku li kif jaf ir-rahal tal-Qala kollu, ghalkemm huwa mpjegat mal-Ministeru ghal Ghawdex QATT u QATT ma jersaq fuq il-post tax-xoghol, anzi hafna mill-hin tieghu jaghmlu jew idur mal-pjazza jew fl-appartament ta' wahda minn uliedu li ghaddej fih xi xoghol ta' kostruzzjoni.

Ta' min jirrimarka ukoll li bhala haddiema tal-Kunsill Lokali qatt ma nghatajna xi tip ta lbies protettiv bhal maskri, fradal, sanitiser etc ... ghajr ghall-ingwanti li konna nkunu ordnati mmorru nixtru ahna stess mill-ispizerija (mhallsa mill-Kunsill Lokali) u dan wara li nsistejna li nimxu mal-protokolli tad-Dipatiment tas-Sahha specjalment fiz-zminijiet tal-pandemija.

Ta' min isemmi wkoll li kemm-il darba ntbaghtna nissostitwixxu lill-haddiema tal-Public Convenience li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien f'kas li xi hadd minnhom kien ikun vacation leave jew sick leave. Dan ifisser li bhala haddiema konna ninzlu bil-vetturi privati taghna kull saghtejn mis 7am sa 7pm niccekkjaw u nahslu l-istess Public Convenience, inkluz il-Hdud. Is-Sindku assolutament ma ried bl-ebda mod li nigu kkumpensati tas-sighat extra li nahdmu u tal-petrol li nahlu ghax sostna li ha noholqu precedent. Madanakollu l-istess Sindku ma hasibiex l-istess meta ghal bosta drabi stieden lit-tifla tieghu tkanta bi hlas u b'direct order f'okkazjonijiet diversi organizzati mill-Kunsill Lokali jew li juza s-servizz ta' stampar ta' materjal tal-Kunsill Lokali mnn stamperija fil-Qala propjeta t'ohtu stess. Dan ma johloqx precedent? Dan ma hux kunflitt ta' nteress sfaccat? Dan mhux misapproprijazzjoni ta' fondi pubblici? Minhabba din is-sitwazzjoni kont ukoll bghatt korrispondenza lis-Sur Kenneth Cutajar CEO ta' CWSF u bla dubju qabel mieghi u tani ragun. Anzi ta ordni lis-Sindku biex nigu kkumpensati tas-sighat zejda li nahdmu.

Minhabba dawn ic-cirkostanzi u ohrajn simili taghhom, ahna lkoll hassejna li ma kienx jixirqilna nigu trattati b'dan il-mod ingust fuq il-lant tax-xoghol. Konna spiccajna mmorru ix-

PB
MB

xoghol b'ansjeta kbira fuqna. Kienet l-ewwel darba minn naha tieghi li hadt gurnata sick leave kemm ili nahdem. Assolutament ma stajniex nissaportu aktar. Fl-ahhar spiccajna bis-Sindku ma jkellimniex, jinjorana, jakkuzana li m'ahna nghamlu xejn u jikkomunika maghna biss permezz tas-Segretarja li wkoll ghaddejja minn infern shih minhabba fl-agir tieghu. Sahansitra din l-istess Segretarja li ilha mpjegata mal_kunsill Lokali tal-Qala ghal iktar minn 20 sena, spiccat ukoll vittma tas-Sindku ghax tellaghha zewg Bordijiet ta' Dixxipplina b'sitt akkuzi kontriha. L-istess Segretarja li taf xogholha 'inside out' u dejjem imxiet bi trasparenza assoluta, efficjenza u ntegrita' liema bhalha. Tlabna li nigu trasferiti xi mkien iehor kif fil fatt sar, madanakollu l-ghajta minn naha tas-Sindku dwiet mar-rahal li 'hadulu l-haddiema'. Kien ikun ferm ahjar li kieku qal li HADD ma jrid imur jahdem taht ir-responsabbilta tieghu inkluz nies mill-lokalita taghna stess. Iktar minn hekk, issa, b'konsegwenza tal-agir tieghu, spicca kellu jimpjega haddiem b 10€ is-siegha ghal sitt sighat kuljum ovjament biex jiehu hsieb it-tindif tal-Lokalita a skapitu tal-Kunsill Lokali.

Biex naghlaq, ahna nies li nhobbu r-rahal. Konna nvoluti kemm il-darba fil-volontarjat f'rahalna u ghaldaqstant ma konniex se nibqghu lura milli naghmlu xogholna, b'imhabba u dedikazzjoni ghall-gid tar-rahal taghna li tant inhobbu. Sfortunatament dan ma hux possibli taht is-Sindku tal-Qala.

Grazzi hafna

Tislijiet

Savio Falzon

Savio Falzon ID No: 534573 (M)

George Mizzi

George Mizzi ID No: 36089 (G)

Jesmond Portelli

Jesmond Portelli ID No: 24089 (G)

PB MB

Dokument C

**Azzjoni Dixxiplinarja skont Regolament 17 tar-Regolamenti tad-Dixxiplina**

**Każ mressaq mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali s-Sur Christopher Galea**

**kontra**

**Is-Sa Marcia Borg, Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Qala**

**RAPPORT TAL-BORD**
**14 ta' Settembru 2020**

| | |
|---|---|
| **Chairperson** | **Is-Sja Marisa Pisani** |
| **Membru** | **Av Dr Lawrence Galea** |
| **Membru** | **Is-Sur Saviour Garcia** |



MB

**Azzjoni dixxiplinarja skont Regolament 17 tar-Regolamenti tad-Dixxiplina**

**Każ kontra Sa Marcia Borg, Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Qala**

## I L-Ewwel Seduta tal-Bord ta' Dixxiplina

**L-Ewwel Seduta tal-Bord dwar Proċedura ta' Dixxiplina skond Regolament Numru 17, li saret nhar l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2020 fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar, fit-Tribunal fi Triq il-Viżitazzjoni, l-Għarb, Għawdex.**

Preżenti għal din is-seduta kien hemm :-

| | |
|---|---|
| Is-Sja Marisa Pisani | *Chairperson* |
| L-Av. Dr. Lawrence Galea | Membru |
| Is-Sur Saviour Garcia | Membru |
| Is-Sur Robert Tabone | Rappreżentant tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali |
| L-Av. Dr. Daniel Saliba | Prosekutur Dipartiment tal-Gvern Lokali |
| Is-Sa. Marcia Borg | Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Qala |
| L-Onor. Av. Dr. Chris Said | Avukat Difensur |

Il-Membri tal-Bord iddikjaraw li kienu hadu l-ġurament fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

1.0 Iċ-*Chairperson* qrat iċ-*charges* maħruġa mis-Sur Christopher Galea, Direttur (Gvern Lokali - Monitoraġġ u Sapport) - Doc A datat 14 ta' Jannar 2020, li saru fil-konfront tas-Sa Marcia Borg, Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Qala, u elenkat iċ-ċirkustanzi li ġew ippreżentati mid-Direttur li waslu sabiex jittiehdu passi dixxiplinarji.

L-Onor Dr Chris Said intervjena u talab kjarifika dwar il-kompetenza tal-Bord in vista li l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsilli Lokali hija kariga speċifika stabbilita bil-Liġi tal-Kunsilli Lokali Kap 363. L-Avukat Daniel Saliba spjega li dan il-Bord mhux se jkun jikkonsidra tkeċċija imma biss akkużi serji li ma jwasslux għal tkeċċija. Dan ġie kkonfermat ukoll miċ-*Chairperson* tal-Bord.

2.0 F'din is-Seduta ssejjaħ l-ewwel biex jagħti x-xiehda tiegħu bil-ġurament is-Sindku tal-Qala, s-Sur Paul Buttigieġ.

3.0 Issejjhet ukoll biex tagħti x-xiehda tagħha bil-ġurament l-iskrivana tal-Kunsill Lokali tal-Qala, s-Sa Rose Ann Azzopardi.

**Waqt din is-seduta ħarġu dawn il-punti:**

1. Li s-Sur Paul Buttiġieġ, is-Sindku preżenti tal-Qala, ġie elett għall-ewwel darba fil-Kunsill tal-Qala fl-2007 bħala kunsillier u laħaq Sindku madwar sentejn u nofs ilu;

2. Li kull meta s-Sindku rċieva rikjesta mingħand is-Sa Marcia Borg biex tieħu l-*vacation leave* huwa qatt ma rrisponda lura l-*emails* u l-*SMSs* mibgħuta minnha;

3. Li s-Sindku Paul Buttiġieġ qatt ma għadda xi mozzjoni, jew qajjem il-materja fil-Kunsill sabiex jiġu deċiżi l-ħinijiet tax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv;

4. Li s-Sindku mexa kif imxew is-Sindki ta' qablu dwar kif is-Segretarju Eżekuttiv tapplika biex tagħmel użu mill-*vacation leave*. Huwa qatt ma ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill, jew ħareġ twissija bil-fomm jew bil-kitba lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ma kienx qed jaqbel mal-mod ta' kif din kienet tapplika biex tagħmel użu mill-*vacation leave* tagħha. Li anke meta sar jaf bil-proċedura ta' l-applikazzjoni ma kkomunikax jew informa lis-Sa Marcia Borg b'dan, pero' xorta ppretenda li hija għandha timxi ma din il-proċedura;

5. Li meta s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, kienet bis-*sick leave* s-Sindku Paul Buttiġieġ ppretenda li hija kellha tmur il-Kunsill biex tgħin individwu jimla' applikazzjoni għal xi offerta meta dan huwa kontra l-Liġi u mhux etikament korrett. Li f'okkażżjoni oħra meta wkoll kienet bis-*sick leave* u ried isir *audit* xorta waħda ħadet ħsieb li x-xogħol isir u anke marret l-Uffiċċju tal-Kunsill u s-Sindku iffirmalha d-dokumenti meħtieġa fil-karozza;

6. Li s-Segretarju Eżekuttiv s-Sa Marcia Borg ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill ma kienx żamm il-laqgħa statutorja skont il-Liġi fix-xahar ta' Diċembru 2019 u meta hija ġibdet l-attenzjoni dwar dan is-Sindku ffissa laqgħa għat-2 ta' Jannar 2020.

7. Li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg kienet applikat biex tieħu jumejn *vacation leave* fil-31.12.2019 u fit-02.01.2020. In vista li s-Sindku sejjaħ il-laqgħa statutorja għax-xahar ta' Diċembru 2019, hekk kif indikat f'punt 6 hawn fuq, biex issir appuntu fit-2 ta' Jannar 2020, hija permezz ta' sms infurmatu li se tieħu vacation leave t-3 ta' Jannar 2020 u dan sabiex fit-2 ta' Jannar tidħol xogħol peress li bilfors trid tattendi għal laqgħa tal-Kunsill.

8. Li r-relazzjoni bejn is-Sindku, s-Sur Paul Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg ma kienitx tajba u fil-fatt huma ma jitkellmux bejniethom;

9. Li Sa Marcia Borg tkun l-uffiċċju tal-Kunsill fis-6:30 ta' filgħodu u li tirrispondi għal sejħiet dwar xogħol tal-Kunsill fuq il-*mobile* tagħha personali f'kull ħin anki meta tkun bil-*vacation leave*, li tattendi l-laqgħat kollha tal-Kunsill li jsiru wara l-ħin normali tax-xogħol u li wħud minnhom idumu bejn 3 u 4 siegħat u kull funzjoni u attivita' oħra li jorganizza l-Kunsill Lokali wara l-ħinijiet tax-xogħol u anki tard bil-lejl inkluż nhar ta Ħadd u ġranet ta' vaganzi pubbliċi;

10. Li kienet saret spezzjoni fil-Kunsill Lokali tal-Qala fis-2.30 ta' wara nofs in-nhar mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg dak il-ħin kienet preżenti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill;

11. Li l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv hija regolata b'Liġi speċifika u għaldaqstant tieħu preċedenza fuq il-PSMC;

12. Li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg wieġbet ċirkolari, datata 12 ta' Lulju 2019, maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħinijiet tax-xogħol u li fir-risposta hija ndikat il-ħinijiet li kienet qiegħda taħdem u xi id-dettalji oħra li ħasbet li kienu relevanti. Id-Dipartiment kien irringrazzjaha tar-risposta u fl-ebda mument ma nġibditilha l-attenzjoni li l-ħinijiet ma kienux koretti;

13. Li meta s-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ ġie mistoqsi jekk qattx iltaqa' u tkellem mad-Direttur tal-Gvern Lokali, s-Sur Christopher Galea, fuq dan il-każ huwa ċaħad. Li l-Onor Dr Chris Said innega dan l-istqarrija u qal li huwa personalment kien rahom it-tnejn il-Qorti t'Għawdex u semagħhom jiddiskutu fuq dan il-każ;

14. Is-Sa Rose Ann Azzopardi – skrivana fil-Kunsill Lokali tal-Qala kkonfermat li qatt ma mliet xi formola tal-*vacation leave* la meta kien Sindku l-Onor Dr Clint Camilleri u lanqas fi żmien is-Sindku preżenti. Hija qalet ukoll li qatt ma ġibdulha l-attenzjoni li kellha timla' xi formola speċifika biex tapplika għall-*vacation leave;*

15. Is-Sa Rose Ann Azzopardi xehdet li r-relazzjoni bejn is-Sa Marcia Borg u s-Sindku preżenti m'hijiex waħda tajba u li mas-Sindki ta' qabel din kienet aħjar;

16. Li waqt ix-xhieda bil-ġurament is-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, ikkontradixxa kemm il-darba lilu nnifsu u anke biddel il-verżjoni oriġinali tiegħu. In vista ta' dan il-Bord iħoss li x-xiehda tas-Sindku mhix waħda kredibbli;

## II It-Tieni Seduta tal-Bord ta' Dixxiplina

**It-Tieni Seduta tal-Bord dwar Proċedura ta' Dixxiplina skond Regolament Numru 17, li saret nhar l-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2020 fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar, fit-Tribunal fi Triq il-Viżitazzjoni, l-Għarb, Għawdex.**

Preżenti għal din is-seduta kien hemm :-

| | |
|---|---|
| Is-Sja Marisa Pisani | *Chairperson* |
| L-Av. Dr. Lawrence Galea | Membru |
| Is-Sur Saviour Garcia | Membru |
| Is-Sur Robert Tabone | Rappreżentanta tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali |
| L-Av. Dr. Daniel Saliba | Prosekutur Dipartiment tal-Gvern Lokali |
| Is-Sa Marcia Borg | Segretarju Eżekuttiv |
| L-Onor. Av. Dr. Chris Said | Avukat Difensur |
| l-Av. Dr. Deborah Mercieca | Avukat Difensur |

1. F'din is-Seduta ssejħu biex jagħtu x-xiehda tagħhom l-persuni mniżżla hawn taħt imressqa mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg:

| | |
|---|---|
| L-Onor. Perit Clint Camilleri | Ministru għal Għawdex |
| Is-Sur Joseph Buttiġieġ | Kunsillier - Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Ivan Cefai | Ex Viċi Sindku - Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Joe Buttiġieġ | Messaġier - Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Ex-Sindku tal - Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Victor Grech | Ex Viċi Sindku - Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Jesmond Borg | Viċi Sindku - Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sa Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv - Kunsill Lokali Għajnielem u ex Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sa Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv - Kunsill Lokali tal-Għasri |

**Waqt din is-seduta ħarġu dawn il-punti:**

1. Li fis-snin li l-Onor Clint Camilleri kien Sindku tal-Qala s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, dejjem kienet effiċjenti ħafna f'xogħolha u anke dejjem ingħatat il-massimu tal-*performance bonus* għax kien jisthoqilha. Matul dan il-perjodu (2012-2017) meta kien ikollha bżonn il-*vacation leave* kienet ukoll tinforma lis-Sindku Clint Camilleri verbalment;

2. Li l-Onor Clint Camilleri kien ilu jaf lis-Sa Marcia Borg mil-bidu nett li kienu twaqqfu l-Kunsilli Lokali partikolarment meta huwa ġie elett Sindku tal-Qala fl-2012. Huwa kkonferma li qatt ma tressqet xi mozzjoni dwar il-ħinijiet li taħdem is-Segretarju Eżekuttiv u li s-Sindku preżenti, s-Sur Paul Buttiġieġ, li kien jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku qatt ma gerger jew ilmenta fl-ebda laqgħa tal-Kunsill dwar dawn il-ħinijiet u l-anqas qatt ma' irrimarka dwar ir-rata tal-*performace bonus* li kienet tingħata;

3. Li mix-xiehda tas-Sur Joseph Buttiġieġ, Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Qala, ġie stabbilit li s-Sindku ma nfurmax lill-Kunsill bl-azzjoni dixxiplinarja li ħa fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv u l-anqas b'xi nuqqasijiet oħra. Il-Kunsillier xehed li huwa sar jaf b'dan biss meta rċieva t-taħrika biex jidher bħala xhud quddiem il-Bord;

4. Li mix-xiehda wkoll tal-Kunsillier Joseph Buttiġieġ ġie stabbilit li qatt ma kien hemm xi tgergir dwar il-ħinijiet li taħdem is-Segretarju Eżekuttiv u l-anqas qatt ma tressqet xi mozzjoni fil-Kunsill dwar dan pero', ta' sikwit ikun hemm battibekki bejn is-Sindku Paul Buttiġieġ u l-Kunsilliera u l-istess Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg. Dawn iqumu għaliex is-Segretarju Eżekuttiv tkun qed tagħmel dmirha u tiġbed l-attenzjoni biex il-Kunsill jimxi mal-Liġi u s-Sindku jibqa' jwebbes rasu u jkun irid dejjem li tgħaddi tiegħu. Kien hemm ukoll każ li s-Sindku ried jagħmel ħlas ta' xogħlijiet li saru mill-Kunsill ta' qabel minkejja li dan kien imur kontra l-Liġi. Mix-xiehda ta' l-istess Kunsillier ħareġ ukoll li huwa personali jkollu kommunikazzjoni regolari mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg u dejjem sabha l-Kunsill anki fl-4.30 ta' wara nofs in-nhar, li attendiet mal-

Kunsill kull fejn kien hemm bżonn wara l-ħinijiet ta' l-uffiċċju, il-laqgħat tal-Kunsill u meta jagħmel kuntatt magħha f'kull ħin twieġbu minn fuq il-*mobile* personali tagħha anki wara s-7.30 ta' filgħaxija;

5. Li ġie kkonfermat ukoll mix-xiehda wkoll tal-Kunsillier Joseph Buttiġieġ li kienet is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, li ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kellha tinżamm skont il-Liġi l-laqgħa statutorja għax-xahar ta' Diċembru 2019 u li fil-fatt din issejħet mis-Sindku għat-2 ta' Jannar 2020;

6. Li mix-xiehda tal-Viċi Sindku, s-Sur Ivan Cefai, reġa' ġie kkonfermat li s-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, qatt ma nforma lill-Kunsill b'xi problemi dwar il-ħinijiet tax-xogħol jew il-proċedura tal-*vacation leave* tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg. Aktar minn hekk naqas li jinforma lill-Kunsill li kienu se jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' l-istess Segretarju Eżekuttiv;

7. Li mix-xiehda tal-Viċi Sindku, s-Sur Ivan Cefai, qatt ma kien hemm diffikulta' sabiex dan jikkomunika magħha, dejjem sabha effiċjenti u ġġiblu rispett, twieġeb it-telefonati fuq il-*mobile* privat tagħha anke fi tmiem il-ġimgħa u li meta jgħaddi l-Uffiċċju tal-Kunsill, f'xi 6.45 ta' filgħodu, hija tkun diġa' hemmhekk;

8. Li mix-xiehda tal-Viċi Sindku, s-Sur Ivan Cefai, ġie kkonfermat il-battibekki li ħarġu mix-xiehda tal-Kunsillier Joseph Buttiġieġ, li jkun hemm bejn is-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg. Li dawn l-argumenti jqumu peress li s-Segretarju Eżekuttiv tkun trid timxi kif suppost mal-Liġi u l-proċeduri għax hija ferm retta f'xogħolha;

9. Li mix-xiehda tal-Viċi Sindku, s-Sur Ivan Cefai, ġie ikkonfermat ukoll li kienet is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, li ġibdet l-attenzjoni li suppost kellha ssir il-laqgħa statutorja f'Diċembru 2019 u li s-Sindku ddeċieda li din issir fit-2 ta' Jannar 2020;

10. Li mix-xiehda tal-Viċi Sindku, s-Sur Ivan Cefai, is-Segretarju Eżekuttiv, s-Sa Marcia Borg, tkun preżenti għall-attivitajiet kollha tal-Kunsill Lokali tal-Qala inkluż dawk li ma jkunux inżammu fil-ħinijiet normali tal-uffiċċju u anke nhar ta' Ħadd;

11. Li mix-xiehda tas-Sur Joe Buttiġieġ, messaġġier fil-Kunsill Lokali tal-Qala, ġie kkonfermat li s-Segretarju Eżekuttiv, s-Sa Marcia Borg, tkun l-uffiċċju kmieni peress li ta' kuljum tassenjalu x-xogħol. Il-Bord ġie nfurmat li l-ħinijiet tiegħu jvarjaw bejn is-6.30 u 7.00 ta' filgħodu;

12. Li mix-xiehda tas-Sur Paul Buttiġieġ, ex Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg dejjem wettqet xogħolha tajjeb fl-interess tal-Kunsill. Huwa nforma l-Bord li ilu wieħed u għoxrin sena (21) fil-Kunsill, sittax (16) minnhom bħala Sindkù. Huwa xehed li qatt ma kellu problemi u dejjem ħadem id f'id mas-Segretarju Eżekuttiv u li taħt l-amministrazzjoni tagħha l-finanzi tal-Kunsill dejjem kienu fis-sod. Huwa nforma wkoll li l-awdituri qatt ma sabu xejn ħażin u li s-Segretarju Eżekuttiv, s-Sa Marcia Borg dejjem imxiet skond il-proċeduri finanzjarji u dejjem kienet hemm għal ħtiġijiet tiegħu u tal-Kunsill;

13. Li mix-xiehda tas-Sur Paul Buttiġieġ, ex Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg dejjem infurmatu verbalment jew permezz ta' email meta kienet se tkun bil-VL u huwa qatt ma kellu problemi dwar dan. Il-Bord ġie nfurmat li kien hemm snin fejn il-*vacation leave* ma tteħidx kollu u s-Segretarju Eżekuttiv kienet titlob il-permess tal-Kunsill biex tittrasferih għas-sena ta' wara. Huwa xehed ukoll li dwar il-ħinijiet tax-xogħol qatt ma kien hemm problemi u jekk kien ikun hemm xi attivita' meta suppost tkun bil-vaganzi hija kienet tidħol għax-xogħol u minn jeddha tbiddel il- *vacation leave;*

14. Li mix-xiehda tas-Sur Paul Buttiġieġ, ex Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg dejjem ingħatat il-massimu tal-*performance bonus;*

15. Li mix-xiehda tas-Sur Paul Buttiġieġ, ex Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala, is-Sindku preżenti, s-Sur Paul Buttiġieġ qatt ma lmenta dwar il-ħinijiet tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg u l-anqas dwar il-*vacation leave* tagħha u anke dejjem qabel li tingħata l-massimu tal-*perormance bonus*;

16. Li mix-xiehda tas-Sur Victor Grech, ex Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala, ġie kkonfermat dak li ntqal aktar 'il fuq, li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, hija amministratur metikoluża f'xogħolha. Is-Sur Grech qal li l-flus tal-Kunsill kienet tqishom daqs li kieku kienu tagħha fis-sens li tamministrahom tajjeb ħafna, dejjem kienet retta f'xogħolha u l-Kunsill kien jaħlef biha u qatt ma jaf li kemm dam fil-Kunsill kellhom xi problemi la dwar il-*vacation leave* u l-anqas dwar il-ħinijiet tal-uffiċċju tagħha. Huwa kkonferma wkoll li s-Segretarju Eżekuttiv dejjem ingħatat il-massimu tal-*performance bonus* u meta kien ikun assenti s-Sindku hija kienet tinforma lilu verbalment bħala Viċi Sindku li ser tieħu l-*vacation leave* u hu minn naħa tiegħu kien jinforma b'dan lis-Sindku. Illum, bħala ċittadin, lis-Sa Marcia Borg għadu jsibha dejjem ta' għajnuna;

17. Li mix-xiehda tas-Sur Jesmond Borg, li serva għal għaxar snin (10) bħala kunsiller u li sentejn u nofs minnhom bħala Viċi Sindku, ġie kkonfermat li qatt ma kien hemm xi lment minn xi Sindku dwar il-ħinijiet li taħdem s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg. Huwa xehed ukoll li għal dawn l-aħħar snin kemm kien ilu fil-Kunsill dejjem kien hemm kunsens sħiħ dwar l-għoti tal-massimu tal-*performance bonus* lis-Segretarju Eżekuttiv;

18. Li mix-xiehda tas-Sa Lucienne Haber, li ilha tokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv għal sitta u għoxrin (26) sena u li hija kollega u taf sew lis-Sa Marcia Borg, ġie kkonfermat li l-ħinijiet tax-xogħol ta' Segretarji Eżekuttivi huma kwazi erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum biex tlaħħaq mal-obbligi, mal-attivitajiet, mal-Kunsilliera, mal-kuntratturi, u x-xogħol ta' telefonati, l-*emails* u kull urġenza li tinqala'. Is-Sa Haber infurmat lil Bord li bilfors il-ħinijiet iridu jkunu flessibli għax ix-xogħol ma jinvolvix biss ħinijiet normali ta' uffiċċju u anke għal fatt li s-Segretarju Eżekuttivi m'għandhomx la *overtime* u lanqas *time-off*. Ikkonfermat li ma taf bl-ebda riżoluzzjoni dwar il-ħinijiet tax-xogħol ta' Segretarju Eżekuttiv. Dwar il-*vacation leave* tagħha, hija tinforma lis-Sindku u żżomm rekord li tiġi ffirmata mis-Sindku, li tuża formola apposta li jiffirma s-Sindku, imma jekk dan il-*vacation leave* ikun urġenti tinforma lis-Sindku jew bit-*telephone* jew permezz ta' *messenger* u li s'issa s-Sindku dejjem approva l-*vacation leave* tagħha;

19. Li mix-xiehda tas-Sa Rita Mifsud Attard, li ilha tokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv madwar għoxrin (20) sena u li taf mill-qrib lis-Sa Marcia Borg, ġie kkonfermat li anke fil-Kunsilli fejn ħadmet hija meta tkun trid tieħu l-*vacation leave* tinforma lis-Sindku verbalment u timmarka l-*attendance sheet;*

20. Li mix-xiehda tas-Sa Marcia Borg il-Bord ġie nfurmat li hija ilha tokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv 24 sena, mill-1996 u li matul dawn is-snin qatt ma rċeviet xi twissija mill-Kunsill la dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-anqas dwar it-teħid tal-*vacation leave.* Ġie kkonfermat li biex tieħu *vacation leave* hija minn dejjem kienet tinforma lis-Sindku verbalment, ħlief mas-Sindku preżenti peress li lil dan tinfurmah permezz ta' sms jew email;

21. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, ġie kkonfermat li biex tieħu t-3 ta' Jannar 2020 vacation leave minflok li kienet diġa' applikat għalija għat-2 ta' Jannar għamlet kif kienet tagħmel is-soltu jiġifieri li tinforma lis-Sindku b'SMS. Ġie kkonfermat ukoll li kellha tbiddel il-ġurnata peress li, wara li ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill permezz ta' *email* li s-Sindku ma kienx sejjaħ il-laqgħa statutorja ta' Diċembru 2019, s-Sindku ddeċieda li jsejjaħ il-laqgħa propju fil-ġurnata li kienet infurmatu li ser teħodha *vacation leave* jiġifieri fit-2 ta' Jannar 2020. Għaldaqstant il-Bord ġie nfurmat li hija kellha tidħol xogħol biex tkun tista' ssir din il-laqgħa u l-ġurnata *vacation leave* teħodha l-għada. Ġie stabbilit ukoll li s-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, qatt m'oġġezzjona li hija tieħu din il-ġurnata *vacation leave;*

22. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, ġie stabbilit li l-kommunikazzjoni mas-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, għall-*vacation leave* issir permezz ta' *emails* u *SMS's* u li huwa qatt ma jirrispondiha lura u li dwar it-talba partikulari, tat-3 ta' Jannar 2020, huwa ma bagħat l-ebda oġġezzjoni biex dan il-*leave* ma jitteħidx;

23. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, il-Bord ġie nfurmat li fl-aħħar ta' kull sena, s-Sja Maria Zammit, Uffiċjal fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, titlob *record* eletronika lis-Segretarji Eżekuttivi li tkopri il-*vacation leave* u *sick leave* li jkun ittieħed matul dik is-sena partikulari;

24. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, il-Bord ġie nfurmat li, tul is-snin kollha li ilha tokkupa din l-kariga fil-Kunsill Lokali tal-Qala, dejjem informat verbalment lil kull Sindku li ħadmet miegħu bil-ġranet li kienet ser tieħu l-*vacation leave* u li din il-prattiċita' kienet tintuża mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti. Hija kkonfermat li mas-Sindku preżenti ir-rikjesta għall-*vacation leave* tagħmilha permezz ta' *email* jew *SMS* u dan minn naħa tiegħu qatt ma jibgħatilha risposta lura. Hija kompliet li it-rekord li fuqha jinżamm il-leave hija template li nbdiet fl-1994, liema formola tintbgħat lill-HR (Ms Maria Zammit) tad-Dipartiment kull sena. Il-Bord ġie nfurmat li li qabel ma toħroġ bil-*vacation leave* hija tassigura li ma tħalliex xogħol pendenti u l-anqas qatt ma' ħadet *vacation leave* waqt il-Karnival u lanqas waqt l-*Audit* annwali;

25. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, il-Bord ġie nfurmat li s-sena l-oħra, fit-2019, lanqas laħqet ħadet il-*vacation leave* kollu li kienet intitolata għalih. Hija xehdet li l-anqas laħqet talbet lil Kunsill u sussegwentement lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex dan il-*vacation leave* mhux meħud, li ammonta għal 138.50 siegħa, jiġi akkumulat għal din is-sena;

26. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, il-Bord ġie nfurmat li hija toqgħod il-Qala stess u l-ħin li tkun l-uffiċċju huwa bejn is-6.30am u t-3.00pm kuljum mingħajr ma tieħu *break*, tattendi għal dawk il-laqgħat tal-Kunsill li jinżammu wara dan il-ħin, inkluż il-laqgħa statutorja li tibda fis-6.00 p.m. u li dejjem iddum medja ta' 3 jew 4 siegħat. Il-Bord ġie nfurmat ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv, s-Sa Marcia Borg, tattendi *seminars* u attivitajiet tal-Kunsill u toqgħod wara l-ħin normali biex tagħmel il-preparazzjoni tal-*Audit*. Hija xehdet ukoll li waqt li kienet bil-*maternity leave* ta' l-ewwel tarbija tagħha xorta ħadmet mid-dar permezz tal-*computer* tagħha u li għandha relazzjoni tajba mal-Kunsilliera u dejjem tirrispondihom meta jċemplu, ikun x'ħin ikun anke jekk tkun bil-*vacation leave* jew *sick leave*;

27. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, il-Bord ġie nfurmat li anke kien hemm okkażjonijiet fejn kienet ma tiflaħx bis-*sick leave* u minħabba li minħabba l-urġenza tax-xogħol, bħal rapporti finanzjarji etc, hija xorta ħadmet mid-dar u kien hemm darba partikulari li marret tiltaqa' mas-Sindku kurrenti u dan iffirma d-dokumenti relatati fil-karozza tagħha biex dawn jintbgħatu fil-ħin. Każ ieħor kien meta kien ser jagħlaq it-*Tender* tal-*Projects Manager* ta' Proġett tal-EU, fi Frar 2019, u li s-Sindku ppretenda li hija tidħol xogħol bl-iskop li tgħin lil xi applikant prospettiv jissottometti l-offerta tiegħu, meta dan imur kontra l-Liġi u l-Proċeduri tal-*Procurement*. Hi xehdet li ma kelliex għalfejn tkun l-uffiċċju sempliċement għax ser jgħalaq *tender* għax f'dak il-mument is-Segretarju Eżekuttiv m'għandux x'jipproċessa. Il-Bord ġie nfurmat li dak in-nhar is-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, għamel storbju sħiħ fuq din il-ġurnata partikulari li kienet bis-*sick leave* u kien qal li hija ma marritx apposta. Is-Segretarju Eżekuttiv xehdet li dan ried li hija tkun hemm biss biex tgħin lil dak l-individwu partikulari li ma kienx jaf kif u x'għandu jagħmel biex jissottometti offerta;

28. Li minn rimarki b'referenza għal minuta 27, li għamel is-Sur Robert Tabone, rappreżentant tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, ġie stabbilit li huwa kien infurmat b'din il-ġurnata *sick leave* partikolari mis-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, pero' ma kienx elaboralu jew infurmah dwar il-fatt li l-kwestjoni kienet fuq *tender* fejn kien hemm interess personali minn naħa ta' applikant prospettiv u li s-Sur Paul Bittigieg prentenda li tgħinu s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal ukoll illi kieku kien jaf b'dan li għadu li ingħad żgur li kien juri d-diżapprovazzjoni tiegħu għax konxju li dan ma jistax isir;

29. Li mix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg infurmat lill-Bord li kif indikaw ix-xiehda infushom dawn dejjem urew apprezzament għax-xogħol li hija wettqet fil-Kunsill Lokali tal-Qala, ħlief is-Sindku preżenti. Hija nfurmat ukoll li viċin l-elezzjoni li għaddiet, il-Kunsill kien applika għal *Green Awards* u anke ġie nnominat. Dan seħħ wara li ħadet inizjattiva hija personali u bgħatet l-applikazzjoni peress li ħadd mill-Kunsill ma kellu ċans dak iż-żmien għax kulħadd kien impenjat.

Hija qalet li s-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, mhux talli ma weriex apprezzament, talli meta ntervistawh u ffilmjawh jumejn wara kien ftaħar li dik l-applikazzjoni ħa ħsiebha huwa. Hija kompliet li dan l-aġir kien qiegħed jiddemoralizzaha;

30. Li waqt ix-xiehda tas-Segretarju Eżekuttiv ġie ppreżentat **DOC 4** li hu r-risposta li bgħatet is-Sa Marcia Borg lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fit-8 ta' Jannar 2020 fejn indikat il-ħinijiet tal-uffiċċju tagħha kif ukoll semmiet is-seminars u l-attivitajiet li hija fil-kariga tagħha dejjem tattendi għalihom wara l-ħin normali;

31. Li minn mistoqsija li għamel is-Sur Robert Tabone lis-Sa Marcia Borg dwar x'taħseb li huma l-ħiniiet tax-xogħol tagħha bħala uffiċjal pubbliku din wieġbet li fil-kariga tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv l-importanti li tagħmel ħinek u xogħolok. Hija qalet ukoll li għaliha kienet normali li taħdem mis-6.30 am sat- 3.00pm għax minn dejjem ħadmet dawn il-ħinijiet u l-proċedura qatt ma nbidlet wara l-ebda elezzjoni u qatt ma tressqet xi mozzjoni f'dan ir-rigward.

**Mill-intervent ta' l-Avukati Difensuri, l-Onor Dr Chris Said u Dr Deborah Mercieca ħarġu dawn il-punti:-**

1 Ħadd mis-Sindki li ħadmet magħhom is-Sa Marcia Borg qatt ma ħarġilha xi twissija;

2 Il-Kunsill minn dejjem approvalha l-massimu tal-*performance bonus*;

3 Is-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ, ma nfurmax lill-Kunsill bil-proċeduri dixxiplinarji li beda' mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kontra tagħha;

4 Sa llum ma ħarġet l-ebda twissija fil-konfront tagħha, iżda s-Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ qabad u ħa passi dixxiplinarji mill-ewwel mingħajr l-ebda twissija bil-fomm jew bil-kitba;

5 Qatt ma tressqet xi mozzjoni quddiem l-ebda Kunsill Lokali tal-Qala biex jiġu formalment stipulati l-ħinijiet tax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv jew dwar kif is-Segretarju Eżekuttiv għandha tapplika għal *vacation leave*;

6 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien infurmat permezz ta' risposta li ingħatat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg fejn din isottomettiet informazzjoni rikjesta mill-istess Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħinijiet li tagħmel fl-uffiċċju u anke dwar il-ħinijiet l-oħra li taħdem fejn tattendi attivitajiet u laqgħat organizzati mill-Kunsill wara l-ħin tax-xogħol u anke fi tmiem il-ġimgħa. Din l-informazzjoni ġiet *acknowledged* minn Ramona Portelli b' *"OK Noted"*;

Ġew ippreżentati wkoll numru ta' dokumenti mid-difiża li qed jiġu mehmuża bħala Appendiċi ma dan ir-rapport – Doc I, Doc II, Doc III, Doc IV u Doc V

**Mill-intervent ta' l-Avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali Dr Daniel Saliba ħarġu dawn il-punti:-**

1 Li hemm proċedura stabbilita li s-Segretarji Eżekuttivi jridu jsegwu meta japplikaw għal *vacation leave;*

2 Li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali fl-2013 kien ħareġ template dwar il-*vacation leave* u li tqassmet lis-Segretarji Eżekuttivi kollha mill-HR tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dwar dan is-Sa Marcia Borg infurmat lill-Bord li ma kienitx taf biha u li hija xorta baqgħet tibgħat l-informazzjoni rikjesta permezz tat-*template* li kienet ħarġet fl-1994.

3 Li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali juża formola speċifika għall-applikazzjoni tal-*vacation leave* u anke biex iżomm *records* eletroniċi (*self-automated*) ta' dan il-*leave*. Il-Bord ġie nfurmat ukoll li l-applikazzjonijiet jridu jkunu approvati formalment imqar *b'email* jew b'*SMS*. L-Avukat irrimarka li s-Sa Marcia Borg taf li hi Uffiċjal Pubbliku u li għandha ssegwi strutturi relattivi, inkluż il-ħinijiet tal-uffiċċju;

4 Li s-Sa Marcia Borg dejjem ħadmet mis-6.30am sat-3.00pm u li, ħadd mis-Sindki li ħadmet magħhom u li wħud minnhom kienu jgħaddu l-Kunsill kuljum, qatt ma ressaq xi mozzjoni jew irrimarka dwar il-ħinijiet li hija għandha taħdem mill-uffiċċju u dan anke anke meta s-Sur Paul Buttigieg kien Viċi Sindku;

5 Li s-Sindku, is-Sur Paul Buttigieg fl-ewwel sessjoni kien qal li kien mingħalih li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg, kienet taħdem taħt xi miżura speċjali u li għalhekk qatt ma kellimha u l-istess kienet taħseb l-iskrivana tal-Kunsill;

6 Li mill-mistoqsija li l-Avukat Dr Daniel Saliba staqsa lis-Sa Marcia Borg jekk din qattx ikkonsultat mas-Sindku, is-Sur Paul Buttigieg dwar il-ħinijiet irriżulta li din qatt ma kellmitu dwar dan. Hawnhekk is-Sur Robert Tabone rrimarka li kellha tirrispondi lill-Kunsill mhux lis-Sindku, iżda f'dan il-każ ħadd ma ħa l-ewwel pass u kollox baqa' kif kien,

**III Il-Bord ta' Dixxiplina ltaqa' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2020 fil-11.30 a.m. biex jiddelibera fuq il-każ**

1. Il-Bord eżamina bir-reqqa x-xhieda, s-sottomissjonijiet u d-dokumenti kollha tal-każ u l-komportament tax-xhieda waqt ix-xhieda tagħhom u nnota dawn il-punti;

a Is-Sa Marcia Borg qatt ma kienet ingħatat xi twissija, la verbalment u l-anqas bil-miktub qabel ma ittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tagħha;

b Illi s-Sindku, is-Sur Paul Buttigieg naqas li jinforma lill-Kunsill jew iqajjem il-materja għad-diskussjoni fil-Kunsill qabel ma ħa xi azzjoni dwar l-allegament nuqqasijiet mis-Segretarju Eżekuttiv. Huwa naqas ukoll li jagħmel dan qabel ma ressaq it-talba lid-Dipartiment biex jittieħdu passi fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg;

c Is-Sa Marcia Borg kienet imfaħħra mill-Kunsilliera preżenti jew ex Kunsilliera u dawn kollha xehdu li hija Segretarju Eżekuttiv effiċjenti u tagħmel xogħolha tajjeb u bir-reqqa, tant li dejjem ingħatat il-*performance bonus* massimu għall-effiċjenza tagħha minn kull Kunsill li ġie elett fil-Qala;

d Is-Sa Marcia Borg kienet persuna fdata mill-ex Sindki tal-Qala u kulħadd qal li jsibha f'kull ħin u tagħmel l-almu tagħha biex tgħin f'kull ħin;

e Illi għal mill-inqas 25 sena taħdem fil-Kunsill Lokali tal-Qala, s-Sa Marcia Borg kienet tapplika għall-*vacation leave* verbalment bħal ma kienet tagħmel is-Segretarju Eżekuttiv ta' qabilha u għalhekk saret prassi li tapplika verbalment;

f Illi mas-Sindku preżenti s-Sur Paul Buttigieg tagħmel dan permezz ta' *email* jew *SMS* minħabba li ma jitkellmux u li huwa qatt ma japprova jew jiddisaprova dawn it-talbiet;

g Illi anki Segretarji Eżekuttivi oħra jużaw l-istess metodu biex japplikaw għall-*vacation leave*;

h Illi qatt ma tressqet xi mozzjoni quddiem il-Kunsill Lokali biex jiġu formalment stabbiliti l-ħinijiet tas-Sa Marcia Borg bħala Segretarju Eżekuttiv u dwar kif għandhom isiru l-applikazzjonijiet tal-*vacation leave*;

i Illi s-Sa Marcia Borg issottomettiet permezz ta' email il-ħinijiet li taħdem u permezz ta' email ieħor żiedet li tattendi għal laqgħat u l-attivitajiet l-oħra kollha tal-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali rrisponda "*OK Noted*";

j Illi jkun hemm battibekki regulari bejn is-Sindku preżenti s-Sur Paul Buttiġieġ u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Marcia Borg għax s-Sindku jippretendi li kollox jimxi kif irid hu anki jekk ikun hemm ksur ta' Liġi u/jew regolamenti;

k Illi s-Sindku preżenti, s-Sur Paul Buttigieg ried li s-Segretarju Eżekuttiv tmur il-Kunsill meta kienet bis-*sick leave* mhux għax kienet se tagħlaq *tender*, iżda sabiex tgħin persuna timla applikazzjoni biex tissottometti offerta relatata ma dan it-tender lill-Kunsill Lokali tal-Qala minkejja li dan kien imur kontra l-Liġi.

l Illi s-Sindku preżenti, s-Sur Paul Buttigieg naqas li jżomm il-laqgħa statutorja tal-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru 2019 u li din saret f'Jannar 2020 wara li nġibdet l-attenzjoni mis-Sa Marcia Borg, Segretarju Eżekuttiv;

j Illi s-Sindku preżenti waqt ix-xhieda tiegħu, ikkontradixxa lilu nnifsu kemm il-darba u anke biddel il-verżjoni oriġinali li jkun ta ftit qabel u għalhekk dan il-Bord ma jistax iqis din ix-xiehda bħala waħda kredibbli;

k Li mix-xiehda li ingħatat ħareġ ċar li minkejja l-linji gwida u d-dokumenti li wieħed għandu jsegwi biex japplika għal vacation leave, f'dan il-każ partikulari hemm prassi li ilha stabbilita' mill-bidu nett li twaqqaf il-kunsill li r-rikjesta għal dan il-leave issir a voce u tiġi dokumentata u riferuta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fl-aħħar tas-sena kalendarja;

MB

l Li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qatt ma ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Qala li ma kienitx qed timxi sew meta tapplika ghal vacation leave, anke wara li l-istess Sindku, s-Sur Paul Buttiġieġ ikkomunika ma l-istess Dipartiment dwar din il-materja. Il-Bord ma jirriżultalux li ngħataw *admonishments* qabel ma nħarġu *charges* biex tittella' Bord tad-Dixxiplina;

## IV Konklużjoni

**Għaldaqstant il-Bord ta' Dixxiplina jsib lis-Sa Marcia Borġ, Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Qala:-**

1. Mhux ħatja li kienet assenti minn fuq il-post tax-xogħol nhar it-3 ta' Jannar 2020 meta ma kienitx bil-*vacation leave*;

2. Mhux ħatja li ma tieħux il-*vacation leave* skont proċedura stabbilita a bażi tal-liġi tal-Kunsilli Lokali u tar-Regolamenti li jridu jimxu magħhom uffiċjali pubbliċi;

3. Mhux ħatja li ma tadderix mal-ħinijiet tax-xogħol tagħha u titlaq fit-2.15pm.

Iffirmat illum, it-Tnejn 14 ta' Settembru, 2020.

Is-Sja Marisa Pisani
Chairperson

Av. Lawrence J. M. Galea
Membru

Is-Sur Saviour Garcia
Membru

Dokument D.

# Rapport Dixxiplinari

**Każ kontra:** **Sja Marcia Borg**
Numru tal-karta tal-Identità - 308091M
Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali - Qala.
Dipartiment tal-Gvern Lokali

**Referenza:** DISC/ 308091M

**Data tar-rapport:** 21 ta' Awwissu 2020

AM. MB

## Introduzzjoni

Il-firmatarji ta' dan ir-rapport inħatru skont ir-Regolament 18 tar-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, 2017, biex jinvestigaw l-akkużi ppreferuti mis- Sur Christopher Galea, Direttur (Gvern Lokali-Monitoraġġ u Support) kontra l-uffiċjal imsemmi hawn fuq fis-06 ta' Diċembru 2019 skont ir-Regolament 17 tal-istess regolamenti.

L-uffiċjal imsemmi hawn fuq ġie akkużat b'dan li ġej – Dok. 'A':

1. Fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li saret fil-21 ta' Novembru 2019 telqet mill-laqgħa mingħajr raġuni bil-konsegwenza li l-laqgħa kellha tieqaf mat-tluq tagħha;
2. Fit-30 ta' Novembru 2019 naqset milli tattendi għall-iffirmar tal-kuntratt mal-Ministru t'Għawdex meta r-rappreżentanti ġuridiċi tal-Kunsill Lokali huma s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv in solidum; u
3. Repetuttivament qed tinjora l-emejls u t-talbiet tas-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala.

Dan ir-reat kien ikkunsidrat bħala serju.

## Sommarju tal-proċeduri kif seħħew

Il-Bord jixtieq jinnota li l-ewwel seduta tal-Bord skedata għat-03 ta' Marzu 2020 kellha tiġi posposta għas-16 ta' Marzu 2020 wara n-notifika mill-Kap tad-Dipartiment li l-avukat legali tad-Dipartiment ma kienx disponibbli minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Din is-seduta kellha għal darb'oħra tiġi posposta b'mod indefinit minħabba t-tifqiegħa tal-COVID-19 u l-Bord Dixxiplinarju seta' jitlaqqa' biss ladarba jkollu l-approvazzjoni tal-PSC. Il-Bord kien infurmat b'din il-kommunikazzjoni nhar it-08 ta' Ġunju 2020 – Dok. 'B'

## L-Ewwel Seduta tal-Bord ta' Dixxiplina

L-ewwel seduta tal-Bord saret nhar l-Erbgħa, 01 ta' Lulju 2020 fit-9.30 ta' filgħodu, fis-Sala tal-Kunsill Lokali l-Għarb, Għawdex.

Preżenti għal din is-seduta kien hemm :-

| | |
|---|---|
| Is-Sur Simon Agius | *Chairperson* |
| Is-Sja Maria Camilleri | Membru - *Kap tal-Iskola Irtirat* |
| Is-Sur Alfred Mallia | Membru - *Spettur tal-Pulizija Irtirat* |

AM. PB MB

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Saliba | Rappreżentant legali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali |
| Is-Sur Robert Tabone | Rappreżentant tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali<br>*Uffiċjal fi Skala 4 - Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali* |
| Is-Sja Marcia Borg | Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Qala |
| Av. Chris Said | Rappreżentant legali tas-Sja Marcia Borg. |

Il-Membri tal-Bord iddikjaraw li kienu ħadu l-ġurament fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.
Saret dikjarazzjoni konċiża miċ-*Chairperson* fir-rigward taċ-ċirkostanzi li wasslu lill-Kap tad-Dipartiment biex joħroġ l-akkużi fil-konfront tas-Sja Marcia Borg u elenka ċ-ċirkostanzi li ġew ippreżentati mid-Direttur li waslu sabiex jittieħdu passi dixxiplinarji – Dok. 'Ċ'.
Is-Sinjura Borg ma ammettietx l-akkużi mressqa kontriha.

1.0 F'din is-Seduta issejħu biex jagħtu x-xiehda tagħhom l-persuni mniżżla hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku tal-Kunsill Lokali Qala<br>*(Xhud tad-Diviżjoni)* |
| | Is-Sja Roseanne Azzopardi | Skrivana fil-Kunsill Lokali Qala<br>*(Xhud tad-Diviżjoni)* |
| | Is-Sja Marcia Borg | Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Qala<br>*(Akkużata)* |

## Mis-Seduta ħarġu dawn il-punti.

2.0 B'referenza għall-ewwel akkuża ġie kkonfermat mis-Sja Marcia Borg li huwa minnu li hija ħalliet il-laqgħa qabel ma ġiet iffissata d-data tal-laqgħa li jmiss. Jirriżulta ukoll li waqt din il-laqgħa, kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv qablu fid-dikkjarazzjonijiet tagħhom li:

2.1 Laqgħa numru 7, tal-21 ta' Novembru 2019, kienet seduta normali;

2.2 Is-sindku kien talab li item 7.2 fuq l-aġenda miftiehma, "*konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti*", kienet ser tiġi diskussa fi tmiem il-laqgħa bl-approvazzjoni tal-kunsilliera l-oħra;

2.3 Fil-bidu tal-laqgħa kien ġie mistieden membru minn Gatt Constructions sabiex jitkellem fuq materja ta' *tarmac*, u li dan ma kienx jifforma parti mill-Agenda pero kien hemm qbil mill-kunsilliera l-oħra biex dan isir;

2.4 Li mill-14 il-item skedati fuq l-aġenda, kollha saru barra is-7.2 – "*konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti*" u s-7.14 – "*Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*";

2.5 Li l-laqgħa qabżet it-tlett siegħat;

2.6 Li s-Segretarju Eżekuttiv telaq il-barra ftit wara li kienu bdew il-korrezzjonijiet tal-minuti;

3.0 Fir-rigward tat-tieni akkuża, fil-bidu deher li kien hemm nuqqas ta' ftehim dwar meta seħħet l-attività attwali, jekk kienx fil jum tas-Sibt, 30 ta' Novembru 2019, jew tat-Tnejn, 02 ta' Diċembru 2019. Mistoqsi kemm il-darba biex is-Sindku jikkonferma dan baqa jsostni li l-iffirmar sar fil-jum tat-Tnejn. Meta mitlub miċ-*Chairperson* biex

jiċċara imejl partikolari ppreżentata mill-Kap tad-Dipartiment lill-Bord, fejn is-Sindku stess kien iddikjara li attenda għaċ-ċerimonja tal-iffirmar waħdu nhar is-Sibt 30 ta' Novembru, is-Sindku ħassu konfuż. L-interrogazzjonijiet żvelaw issussegwenti fatti:

3.1 Li kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li kienu imsifrin Sqallija matul il-jum tal-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2019, u li dawn fl-ebda mument ma kkomunikaw b'mod verbali bejniethom;

3.2 Li meta s-Sindku kien innotifikat biċ-ċerimonja tal-iffirmar mill-Ministeru ta' Għawdex, il-Ġimgħa filgħaxija, 29 ta' Novembru 2019, hu immedjatament kien innotifika lis-Sinjura Borg permezz ta' imejl, liema imejl tal-Ġimgħa filgħaxija (7:15pm) kienet ġiet innutata mis-Sinjura Borg nhar it-Tnejn filgħodu, 02 ta' Diċembru 2019;

3.3 Li it-Tnejn filgħodu, 02 ta' Diċembru 2019, s-Segretarju Eżekuttiv ċemplet immedjatament il-Ministeru, sabiex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex hi ukoll tmur tiffirma;

3.4 Lid-dokument iddikjarat li kien iffirmat mis-Sindku fil-jum tas-Sibt, 30 ta' Novembru 2019, mal-Ministru t'Għawdex, kellu jiġi sostitwit b'wieħed ġdid u s-Segretarju Eżekuttiv ġie nfurmat biex ma jmurx il-Ministeru qabel ma' l-bidliet il-ġodda jkunu riflessi fil-kuntratt il-ġdid u saħansittra jiġi stampat, liema kuntratt kellu jerga' jiġi ffirmat mis-Sindku stess;

3.5 Li l-kontiġent wasal lura ġewwa il-Qala fis-siegħat bikrin tas-Sibt filgħodu, 30 ta' Novembru 2019 – għall-ħabta tas-2-3am;

3.6 Li s-Segretarju Eżekuttiv ma' kienx attenda għall-din iċ-ċerimonja tal-iffirmar;

3.7 Kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li ma kienux fir-ritratti kommemorattivi - Dok. 'D', ppreżentat mill-Bord, li kienu ttieħdu mid-DOI fl-okkażjoni taċ-ċerimonja tal-iffirmar mal-Ministru t'Għawdex. Fost ir-ritratti ppreżentati kien hemm ritratt tal-grupp kollu mal-Ministru t'Għawdex li kien jinkludi lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi kollha tal-Kunsilli Lokali Għawdxin li kienu qed jibbenifikaw taħt din l-inizjattiva;

4.0 B'referenza għat-tielet akkuża l-Bord irċieva ammont konsiderevoli ta' korrispondenza u irreveda total ta' 408 imejl sottomessi miż-żewġ partijiet li jkopru medda ta' sentejn u tlett xhur li jibdew mill-2017. Il-Bord ikkunsidra biss l-imejls li kienu direttament rilevanti mal-akkuża u kiseb il-fatti li ġejjin:

4.1

| **Perċentwali** | | **Sommarju tas-sejbiet** |
|---|---|---|
| **52%** | - | mill-imejls kienu mwieġba fl–istess ġurnata, |
| **30%** | - | mill-imejls kienu mwieġba wara ġurnata, * |
| **05%** | - | mill-imejls kienu ġew imwieġba wara jumejn, * |
| **02%** | - | mill-imejls kienu ġew imwieġba wara tlett ijiem, * |

* *(festi u weekends esklużi)*

| | | |
|---|---|---|
| **05%** | - | **'5' imejls** li kienu jirrikjedu **TFAKKIRA** *(reminder)*, tlieta minnhom kienu bejn l-24 ta' Jannar u l-24 Frar 2019 u kienu mwieġba fi żmien tlett t'ijiem xogħol jew inqas, bit-tnejn l-oħra mwieġba fuq medda ta' disa t'ijiem xogħol, |

| | | |
|---|---|---|
| 01% | - | **'1' imejl** biss li rrekjediet ***2nd reminder*** li bdiet fit-12 ta' Frar 2019 u finalment ġiet imwieġba fil-25 ta' Frar 2019, |
| 02% | - | **'5' imejls** li ġew ippreżentati mis-Sindku u li għalkemm ma kienx hemmx tweġiba għalihom, is-Segretarju Eżekuttiv ipprovda biżżejjed provi li kienet ittieħdet l-azzjoni meħtieġa, |
| 01% | - | **'3' imejls**, kollha relatati ma' l-istess materja, li ma kienux ġew imwieġba mis-Segretarju Eżekuttiv minħabba l-possibilità ta' ksur ta' etika, |
| 02% | - | **'4' imejls**, kollha ppreżentati mis-Sindku. Dawn l-imejls inizjali qatt ma ġew segwiti b' *reminder* u għalhekk il-bord ma' jara l-ebda rilevanza speċifika jew huwa f'pożizzjoni li attwalment jirrelathom mal-każ. |
| 100% | - | Mid-dokumentazzjoni ppreżentata jirriżulta li **97%** tad-drabi s-Segretarju Eżekuttiv kien irrikonoxxa, wieġeb jew saħansitra ħa azzjoni kif meħtieġ. |

5.0 Fil-każ tax-xhieda mogħtija mis-Sinjura Rosanne Azzopardi, il-Bord sab li din hija irrilevanti peress li hi ddikjarat taħt il-ġurament li qatt ma tkun preżenti għal-laqgħat tal-Kunsill, ma kinitx preżenti matul il-mawra fi Sqallija u ma' baqagħliex l-ebda aċċess għal korrispondenza bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv;

6.0 Waqt ix-xhieda taħt ġurament tas-Sindku ġie ppreżentat rekording tal-laqgħa msemmija, fuq USB, li kien ħa s-Sindku stess mingħajr il-kunsens ta' dawk preżenti. Fid-dawl ta' dan, il-Bord iħoss lit-tali reġistrazzjoni ma tistax titqies bħala evidenza konkreta u rilevanti mal-akkuża;

## It-Tieni Seduta tal-Bord ta' Dixxiplina

It-tieni seduta tal-Bord saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2020 fit-9.30 ta' filgħodu, fis-Sala tal-Kunsill Lokali l-Għarb, Għawdex.

Preżenti għal din is-seduta kien hemm :-

| | |
|---|---|
| Is-Sur Simon Agius | *Chairperson* |
| Is-Sja Maria Camilleri | Membru - *Kap tal-Iskola Irtirat* |
| Is-Sur Alfred Mallia | Membru - *Spettur tal-Pulizija Irtirat* |
| Av. Daniel Saliba | Rappreżentant legali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali |
| ~~Is-Sur Robert Tabone~~ | ~~Rappreżentant tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali~~<br>*Uffiċjal fi Skala 4 - Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali* |
| ~~Is-Sja Marcia Borg~~ | ~~Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Qala~~ |
| Av. Chris Said | Rappreżentant legali tas-Sja Marcia Borg |

7.0 F'din is-Seduta issejħu biex jagħtu x-xiehda tagħhom l-persuni mniżżla hawn taħt kif imressqa mid-difiża tas-Sja Marcia Borg;

| | | |
|---|---|---|
| 7.1 | Is-Sur-Ivan Cefai | Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali Qala |
| | Is-Sur Joseph Buttigieg | Kunsillier fil-Kunsill Lokali Qala |
| | Is-Sur Karl Buttigieg | Kunsillier fil-Kunsill Lokali Qala |
| | Is-Sja Valerie Caśsar Meilak | Kunsilliera fil-Kunsill Lokali Qala |
| | L-Onorevoli Clint Camilleri | Ex Sindku tal-Kunsill Lokali Qala |
| | Is-Sur Paul Buttigieg | Ex Sindku tal-Kunsill Lokali Qala |
| | Is-Sja Vicky Xuereb | Direttur Generali fil-Ministeru għal Għawdex |
| | Is-Sur Daniel Attard | Sindku tal-Kunsill Lokali Għasri |
| | Is-Sja Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Għasri |
| | Is-Sur Johnny Zerafa | Ex *Chief of Staff* fil-Ministeru ta' Għawdex |
| | Is-Sur Savio Falzom | Ħaddiem tal-*Community Workers Scheme* |
| | Is-Sur George Mizzi | Ħaddiem tal-*Community Workers Scheme* |

## Mis-seduta ħarġu dawn il-punti.

8.0 Fil-konfront tal-ewwel akkuża, u mix-xhieda tal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tal-Qala, ħareg li fil-maġġoranza tagħhom qablu li:

8.1 Fil-mument lis-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera fuq kwistjoni relatata ma' kont ta' xogħlijiet ta' perit, li kienu bdew fil-leġiżlatura ta' qabel, li kien jammonta għal madwar EUR 11,000 u liema ħlas jekk jiġi approvat jiġi kklassifikat bħala *Direct Order*, is-Sindku indirizza lis-Sinjura Borg b'vuċi għolja u b'ton pjuttost aggressiv u baqa' jinsisti li dan għandu jitħallas anki jekk il-kunsilliera ħassewhom skomdi u qamet kommossjoni u l-arja tal-laqgħa tqalet min dak il-mument il-quddiem;

8.2 Aġir simili u anki agħar min dak tal-laqgħa inkwistjoni, fejn is-Sindku għolla leħnu fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv u l-mod ta' kif jindirizzaha kien manifestat f'laqgħat aktar riċenti li anki kienu *live streamed* u rekordjati *online*;

8.3 Fil-mument li kienu wasslu għall-korrezzjoni tal-minuti reġa inqala id-diżgwid u kien f'dak il-ħin li s-Sindku reġa għolla leħnu mas-Segretarju Eżekuttiv u li wassal biex is-Sja Borg qamet min fuq il-mejda u ħalliet il-kamra;

8.4 L-atteġjament tas-Sindku fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv inbiddel għal agħar min meta kien hemm l-inċident tas-Sindku ma' wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill u s-Sindku ppretenda li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħid l-affarijiet bl-interpretazzjoni tiegħu meta jasslu biex jixhdu;

8.5 Ħadd mill-kunsilliera ma kien jaf li l-laqgħa msemmija fl-akkuża ġiet irrekordjata bil-moħbi tas-Sindku;

8.6 It-tluq tas-Segretarju Eżekuttiv mil-laqgħa huwa l-kulminazzjoni ta' avvenimenti u trattament mhux xieraq min naħa tas-Sindku fil-konfront tas-Sja Borg li seħħew fl-aħħar xhur;

8.7 Kull laqgħa tal-Kunsill tkun mimlija tensjoni li dejjem tinħoloq bl-atteġjament tas-Sindku li dejjem jikkonfronta lil min ma jaqbilx miegħu;

8.8 Ħadd mill-kunsilliera ma kien oġġezzjona għall-bdil tal-aġenda kif propost mis-Sindku;

8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv dejjem kien disponibbli għalihom kull meta kellhom bżonn ta' xi parir jew għajnuna relatata, anki wara l-ħin normali tax-xogħol u fil-*weekends*;

8.10 Jaqblu li s-Sindku huwa persuna suspettuża u li jaħseb ħażin f'kullħadd;

8.11 Li Marcia normalment tispiċċa tiżfen fin-nofs u li f'xi ħin jew ieħor kienu fetħu qalbhom magħha u stqarru li jixtiequ ħafna li l-atmosfera tittranġa għall-aħjar u l-laqgħat isiru b'mod aktar trankwil;

9.0 Fir-rigward tat-tieni akkuża miġjuba kontra s-Segretarju Eżekuttiv tal-Qala xehdu ukoll taħt ġurament is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Għasri, is-Sur Johnny Zerafa ex *Chief of Staff* tal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll id-Direttur Ġenerali tal-Ministeru għal Għawdex. Mix-xhieda tagħhom joħorġu dawn il-fatti:

9.1 Li kienu s-Sindki li ġew infurmati permezz ta' telefonata mill-Ministeru għal Għawdex u li kellhom ir-responsabilità li jinfurmaw lis-Segretarji Eżekuttivi rispettivi tagħhom – Dan ġie kkonfermat mis-Sur Zerafa li taħt ġurament qal li anki pprova jsib imejls inkonnessjoni ma' dan, pero rriżultalu fin-negattiv;

9.2 Li l-iffirmar attwali kien sar is-Sibt filgħodu;

9.3 Li fir-ritratti kommemorattivi ppreżentati mill-Bord ma jirriżultax li kien hemm rappreżentant mill-Kunsill tal-Qala;

9.4 Id-Direttur Ġenerali min-naħa tagħha kkonfermat dan li ġej:

9.4.1 Lin-notifika tal-iffirmar kienet saret permezz ta' telefonata;

9.4.2 Li kien is-Segretarju Eżekuttiv li ġibdilha l-attenzjoni li kien hemm żball fil-kuntratt u li saħansitra anki hemm korrispondenza fuq dan, liema korrispondenza wasslet sabiex il-kuntratt jerġa' jsir mill-ġdid;

9.4.3 Li f'dak il-ħin tal-iffirmar is-Sindku żgur ma kienx preżenti pero tiftakar li kien mar jiffirma waħdu imma ma' kenitx f'pożizzjoni li tikkonferma eżatt il-ġurnata jew il-ħin li kien attenda;

9.4.4 Li hi tifhem li minħabba ċ-ċirkostanzi ta' *short notice* min-naħa tal-Ministeru jkun hemm min ma jistax jattendi għal xi raġuni jew oħra. Kompliet tgħid li din mhix l-ewwel darba li kien hemm min ma setax jattendi u li huma min-naħa tal-amministrazzjoni tal-Ministeru jifmhu dan u li qatt ma telfu xi fondi f'dan ir-rigward.

10.0 L-Onorevoli Ministru Clint Camilleri stqarr taħt ġurament li:

10.1 Huwa kellu relazzjoni tajba ħafna mas-Segretarju Eżekuttiv fit-tenur tiegħu ta' ħames snin li serva bħala Sindku tal-Qala;

10.2 Il-*Performance Bonus* tas-Sja Marcia Borg dejjem ġie approvat b'mod anonimu mill-kunsilliera kollha u qatt ma jiftakar li kien hemm oġġezzjonijiet f'dan ir-rigward;

10.3 Dejjem sabha ta' spalla u li kienet dejjem tkun lesta li tiġbidlu l-attenzjoni meħtieġa skond ma tippermetti l-liġi.

11.0 Is-Sur Paul Buttigieg li serva għal 25 sena fil-Kunsill tal-Qala, 16 minnhom bħala Sindku, u li llum ma għandu l-ebda kariga fi ħdan il-Kunsill, stqarr taħt ġurament li:

11.1 Kellu relazzjoni tajba ħafna mas-Sja Marcia Borg fit-tenur tiegħu bħala Sindku u li kieku ma' kienx għax-xogħol siewi tagħha ma' kenux jintlaħqu tragwardi importanti;

11.2 Is-Sja Borg kienet tagħmel ħafna xogħol '*extra*' liema xogħol wassal sabiex il-Lokal tal-Qala ibbenifika minn numru ta' proġetti tal-EU, li tista tgħid dak iż-żmien kienu għadhom fl-infanzja tagħhom, u li anki kienu jammontaw għal investimenti konsiderevoli;

11.3 Is-Sja Borg kienet il-*focal point* tiegħu fid-deċiżjonijiet amministrattivi tal-Kunsill u li f'dawk is-snin kollha qatt ma' kellhom problemi mal-Awdituri għajr għal xi affarijiet zgħar li kienu jiġu ndirizzati skond il-ħtieġa;

11.4 Li minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu huwa kien jikkomunika ħafna mas-Sja Borg permezz tal-imejl;

11.5 Waqt li huwa serva bħala *minority leader* taħt is-Sindku Clint Camilleri, x-xoghol dejjem baqa' għaddej bl-istess ritmu u ma jiftakarx li kien hemm xi problemi f'dan ir-rigward;

11.6 Fl-oppinjoni tiegħu s-sitwazzjoni preżenti li hemm illum fil-Kunsill hija dovuta u relatata man-nuqqas ta' esperjenza min-naħa tas-Sindku preżenti s-Sur Paul Buttigieg;

11.7 Huwa jiftakar li kien hemm każijiet fejn is-Sindku prezenti, is-Sur Paul Buttigieg, kien jikkonfronta lil Marcia fl-argumenti tiegħu jekk din is-sib xi oġġezzjoni fl-aspett amministrattiv u li ta' spiss kien ikollu jintervjeni u jservi ta' medjatur fil-laqgħat;

11.8 Huwa kien jispiċċa saħansittra jipprova ifiehem lis-Sindku preżenti li l-affarijiet huma attwalment kif qed jgħid is-Segretarju Eżekuttiv u liema interventi kienu jwasslu sabiex is-Sindku preżenti kien ibiddel l-atteġjament;

11.9 Il-każ tal-incident li kellu s-Sindku preżenti ma' wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill, is-Sur Joe Buttigieg, kien fattur importanti fid-deterjorazzjoni tar-relazzjoni bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u dan minħabba lis-Sindku kien ħass li l-Kunsill ma kienx qed jappoġġjah.

12.0 Is-Sur Savio Falzon flimkien mas-Sur George Mizzi, ħaddiema tal-*Community Workers Scheme* fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Qala sa min Ġunju 2019, qalu taħt ġurament li minħabba l-attitudni tas-Sindku u n-nuqqas ta' rispett lejhom kienu talbu li jiġu trasferiti mill-istess Kunsill liema trasferriment kien ġie milqugħ f'Lulju 2020. Komplew jirrakkontaw episodju tal-ewwel ġurnata xogħol tagħhom fil-Kunsill tal-Qala fejn is-Sindku kien għajjat mas-Segretarju Eżekuttiv quddiemhom.

13.0 Fil-kontro eżami tas-Segretarju Eżekuttiv mir-Rappreżentant Legali tad-Diviżjoni Dr. Daniel Saliba, is-Sja Marcia Borg taħt ġurament ikkonfermat li fl-aħħar parti tal-laqgħa

ma kienx hemm għajjat mis-Sindku fil-konfront tagħha pero` il-mod ta' kif kien qiegħed jordnalha sabiex tagħmel l-affarijiet, u nvista li aktar qabel fl-istess laqgħa kien hemm diversi argumenti u battibekki, hija hassitha umiljata u wrtata;

## Sommarju u evidenza

Il-Bord iltaqa` nhar il-Ġimgħa 14 ta' Awwissu fit-08:30 ta' filgħodu biex jiddelibera fuq il-każ.

Il-Bord eżamina bir-reqqa x-xhieda, s-sottomissjonijiet u d-dokumenti kollha tal-każ u l-komportament tax-xhieda waqt ix-xhieda tagħhom;

1 Il-Bord innota li mix-xhieda li ngħatat fiż-żewġ seduti joħorġu dawn il-punti li huma relatati u li saħansittra huma relevanti mal-akkuzi mressqa:-

(i) Huwa stat ta' fatt li r-relazzjoni bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mhix waħda tajba u li din kienet iddeterjorat minħabba l-avvenimenti li kienu seħħew minn meta s-Sur Buttigieg laħaq Sindku;

(ii) Fil-maġġoranza tagħhom il-laqgħat tal-Kunsill dejjem kienu jkunu mqanqla u mimlija tensjoni, liema tensjoni nħolqot minħabba l-imġieba konfrontazzjonali tas-Sindku lejn min jipprova jinterrompi jew jgħaddi xi rimarki fuq is-suġġett li jkunu qed jittrattaw;

(iii) Il-kunsilliera qablu li l-atteġjament konfrontazzjonali tas-Sindku lejn is-Segretarju Eżekuttiv, fis-seba` laqgħa, beda bl-argument li nqala` fuq kontijiet ta' perit li ppreżenta s-Sindku għall-approvazjoni tal-kunsill *(vide 8.1)*;

(iv) Li l-kunsilliera kollha stqarru li s-sitwazzjoni preżenti li jinsab fiha l-Kunsill mhix waħda pjaċevoli u li kollha jixtiequ li l-andament ikun wieħed aktar seren u trankwil;

(v) Lit-tluq tas-Segretarju Eżekuttiv mis-seba` laqgħa kien il-kulminazzjoni ta' diversi avvenimenti li seħħew fix-xhur ta' qabel;

(vi) Li wara inċident lis-Sindku kellu ma' wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill stess li sussegwentement il-każ spiċċa quddiem il-Qorti, is-Sindku kien talab li l-Kunsilliera, inkluż is-Segretarju Eżekuttiv, jagħtuh l-appoġġ tagħhom. Is-Sindku sa anki ried li l-Kunsill japprova pagamenti dovuti lill-Avukat personali tal-fiduċja tiegħu li kien qabbad u dan meta l-Kunsill juża is-servizzi ta' Avukat ieħor;

(vii) Li wara lis-Sindku kien qatta` l-ġurnata tal-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2019, mas-Segretarju Eżekuttiv ġewwa Sqallija dan naqas milli jinfurmaha verbalment biċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-kuntratt mal-Ministru t'Għawdex li kellha issir l-għada fil-jum tas-Sibt ftit sigħat wara li kienu ser jaslu lura ġewwa l-Qala. Is-Sindku stess ammetta li kien bagħtilha imejl pero` din kienet, fi kliemu stess, biex is-Sja Borg issibha t-Tnejn filgħodu meta hi tidħol xogħol.

(viii) Taħt il-ġurament, is-Sindku baqa' jinsisti li l-iffirmar sar fil-jum tat-Tnejn, 02 ta' Diċembru 2019, u mhux tas-Sibt, 30 ta' Novembru 2019, minħabba li dak in-nhar kien imsiefer. Meta ikkonfrontat mill-Bord sabiex jiċċara imejl li kien bagħat huwa stess lid-Dipartiment fil-jum tas-Sibt, 30 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tal-17:30, biex jinfurmahom li huwa kien attenda għaċ-ċerimonja waħdu dan ħassu skomdu u maħsud.

(ix) Id-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ikkonfermat li:

a. Is-Sindku ma' kienx mal-grupp tas-Sibt filgħodu li kienu ġew imsejħa permezz ta' telefonata ġurnata qabel, u li anki s-Sindku kien irċieva, sabiex jiffirmaw il-kuntratt mal-Ministru t'Għawdex. Mitluba tikkonferma f'liema ġurnata u ħin kien mar, id-Direttur Ġenerali ma' kenitx f'pozizzjoni li tagħmel dan pero` tikkonferma taħt il-ġurament lis-Sindku kien mar jiffirma waħdu. Hija kompliet tgħid li probabilment peress li kien il-jum tas-Sibt, u allura tkun daħlet xogħol speċifikament minħabba dik l-attività, hi kienet telqet immedjatament wara ċ-ċerimonja tal 'iffirmar;

b. Li ma kenitx l-ewwel darba li xi ħadd ma jkunx jista` jattendi minħabba *short notice* min-naħa tal-Ministeru u li hi kienet tifhem dan u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jakkomodaw kif infatti ġara f'dan il-każ partikolari;

(x) Joħroġ ċar mix-xhieda ta' dawk li ħadmu mas-Sja Borg li hija mara ħabrieka u li dejjem lesta li tgħin anki jekk dan ikun ifisser wara l-ħin tax-xogħol inkluż *weekends*. Kollha ammettew li dejjem sabuha meta kellhom bżonn ta' xi parir, ikun x'hin ikun, u li qatt ma kellhom problemi f'dak li għandu x'jaqsam ma' kommunikazzjoni inkluż korrispondenza elettronika.

# Evalwazzjoni u konklużjonijiet

Għaldaqstant fl-oppinjoni tal-Bord is-Sja Marcia Borg, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Qala:-

1. Mhix ħatja li fil-21 ta' Novembru 2019 telqet mil-laqgħa mingħajr raġuni valida bil-konsegwenza li l-laqgħa kellha tieqaf mat-tluq tagħha;

2. Mhix ħatja li fit-30 ta' Novembru naqset milli tattendi mingħajr raġuni valida għall-iffirmar tal-kuntratt mal-Ministru t'Għawdex meta r-rappreżentanti ġuridiċi tal-kunsill Lokali huma s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv in solidum;

3. Mhix ħatja li qiegħda repetutivament tinjora l-imejls u t-talbiet tas-Sindku tal-Kunsill lokali tal-Qala.

Iffirmat illum, il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu 2020.

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sur Simon Agius** | **Is-Sja Maria Camilleri** | **Is-Sur Alfred Mallia** |
| Assistent Direttur | Kap tal-Iskola Irtirat | Spettur tal-Pulizija Irtirat |
| *Chairperson* | Membru | Membru |

**Annessi:**
Dok: 'A' - paġna
Dok: 'B' - paġna (min wara u quddiem)
Dok: 'Ċ' - paġna
Dok: 'D' - 2 paġni



A.M.